# familja

Ħarġa Numru 7 Diċembru 2019

MINISTERU GĦALL-FAMILJA
DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI



- **Tnaqqis fit-tassazzjoni fuq l-ewwel mitt siegħa sahra**
- **Child Bonus ta' €300 għal kull twelid u addozzjoni**
- **Żieda ta' ġurnata leave għal aktar ħin mal-familja**

*Il-Ministru Michael Falzon*

*Segwi r-rapport f'pagni 7 u 8*

*familja.media@gov.mt*

# Ħajr lill-kontributuri


**7** **L-Onorevoli Dr Michael Falzon**
Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali

**9** **Is-Sur Mark Musù**
Segretarju Permanenti fil-Ministeru MFCS

**12** **Is-Sur Matthew Vella**
Kap Eżekuttiv tal-Awtorità dwar Social Care Standards

**13** **Is-Sur Alex Vella**
Kap taċ-Ċentru Servizz Anzjan

**15** **Is-Sa Karen Farrugia**
Manager II (Research) - IAU

**17** **Is-Sa Mary Grace Cassar**
Occupational Therapist

**22** **Is-Sa Doris Zammit**
Xandara veterana

**26** **Is-Sur Martin Buhagiar**
Assistent Direttur tat-Taqsima Benefiċċji mhux Kontributorji

**29** **Is-Sur George Zammit**
Gwida u Lajk

**31** **Is-Sa Sarah Borg**
Uffiċjal l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti

**32** **Is-Sur Ronald Zaffarese**
Koordinatur tal- Attivitajiet Anzjani San Vinċenz De Paule

**34** **Is-Sur Vince Tonna**
Senior Social Worker


'Familja' qed tasal għandkom grazzi għall-kontributuri professjonali volontarji u kollegi oħra li jaħdmu magħna. Dan bl-għan li l-impenn fl-istruttura korporattiva ta' din l-entità jkompli jissaħħaħ fl-interess tas-soċjetà.


**Kuntatt:**
**familja.media@gov.mt**




**36** **Is-Sur Tony Micallef**
Koordinatur u  PR tal-Bank tad-Demm

**38** **Is-Sur Leonid McKay**
Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar

**40** **Is-Sur Tonio Bonello**
Editur Media MFCS

**45** **Is-Sur Philip Chircop**
Fundatur 'Nanniet Malta'

**46** **Is-Sa Mary Anne Zammit**
Kittieba u Artista

**48** **Is-Sa Remenda Grech**
Assistent DIrecttur - Appoġġ

**50** **Is-Sa Mary Anne Zammit**
Kittieba u Artista


**Is-Sur Godwin Borg**
Muntaġġ u Grafika

Rivista 'Familja' hi proġett tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

'Familja' toħroġ online kif ukoll stampata, maħsuba u indirizzata, għall-pubbliku bħala l-vuċi uffiċjali ta' dan il-Ministeru. Din ir-rivista titqassam mingħajr ħlas.

Jekk jogħġbok tikkontribwixxi b'xi kitba, twassal proposti jew xi suġġerimenti, inkella għaddejt minn xi esperjenza li tixtieq nistiednuk  tiktbilna fuq l-imejl; familja.media@gov.mt

Biex tirċievi r-rivista 'Familja' tista' tiktbilna fl-indirizz elettroniku jew bil-posta; Tonio Bonello, MFCS Uffiċċju tal-Komunikazzjoni, Operations Directorate, Palazzo Ferreria, no.38 Triq L-Ordinanza, Valletta.

Il-kontenut f'kull ħarġa ta' 'Familja' mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni Editorjali.

**Tonio Bonello**
Editur

# Editorjal




**Tonio Bonello**

Editur 'Familja"
Corporate Communications Manager
Uffiċċju tal-Komunikazzjoni MFCS

**Il-Milied u s-sena t-tajba lil kulħadd**
L-ewwel riżoluzzjoni għanda tkun li nibdew naraw pożittiv

Kull stħarriġ tal-Awtorità tax-Xandir dejjem wera li l-Aħbarijiet jiġu l-ewwel fl-udjenza, li ssegwi minn kwalunkwe programmi oħra. Dan mhux xi fenomenu f'pajjiżna biss, iżda partikolarment madwar l-Ewropa kollha. Saħansitra fl-imbiegħed. Għaliex?

Il-Bniedem bħal daħal f'ċirku fejn madwaru kollox hu mtappan minn xi forma jew oħra ta' niket, ħażen u vjolenza. Fi ftit kliem, sens qawwi ta' negattività fis-sens wiesgħa tal-kelma. Sfortunatament dan qiegħed ikun trasmess f'kull ġenerazzjoni li ġejja warajna.

**Bejn il-Milied u l-Ġimgħa l-Kbira**
Biex nagħti eżempju, x-xahar ta' Diċembru hu assoċjat ma' dik li jien insejħilha, l-isbaħ festa fil-kalendarju tal-Knisja Kattolika. It-twelid ta' Ġesù Kristu fostna. Il-Milied. Minkejja dan, aktar ma bdejt nikber aktar bdejt insir konxju tal-fatt li l-aktar festa kattolika mfittxa mill-Maltin, hi ż-żmien tar-Randan u l-Ġimgħa l-Kbira. Sintendi, il-qofol tagħhom hu l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu. Għaliex?

Mhix essenzjalment kwistjoni ta' devozzjoni, iżda forsi aktar minn kollox, ta' kummerċ partikolari ħafna u wirjiet ta' kollezzjonijiet. M'hemmx dubju li l-Milied sar festa kummerċjali ukoll, dan minħabba l-ħafna rigali, ikliet u festini, u forsi ukoll xi safar.

Iżda Ir-Randan u l-Ġmgħa l-Kbira għandhom niċċa ta' negozju għalihom. Apparti l-ikel tradizzjonali Malti assoċjat ma' dawn iż-żminijiet, llum jeżistu numru kbir ta' kollezzjonisti ta' arti sagra bħal; pitturi, stattweti, dekorazzjonijiet ta' mudelli tal-knejjes u aktar. Għajr għal xi forma ta' devozzjoni li jista' jkollha relevanza, fil-verità forsi l-aktar element li jispikka hu li l-għadd ta' kollezzjonisti dejjem jikber. B'hekk il-prezzijiet

ta' dawn ix-xogħolijiet artistiċi dejjem telgħin, partikolarment fil-ġimgħa tal-Ġimgħa l-Kbira u sal-Għid. F'dan iż-żmien aktarx li se ssibhom qed jiġu esibiti f'kull rokna ta' dawn il-gżejjer.

Xejn ħażin dwar dan kollu, iżda bħal donnu nsejna l-messaġġ veru li twassal il-festa qaddisa u għażiża tal-Milied. Is-sens ta' ġabra fil-familja. Il-famuża priedka tal-Milied. In-novena, il-purċissjoni bil-Bambin mill-membri tas-soċjetà tal-Mużew fit-toroq tal-belt jew raħal. L-ikla mal-akbar għadd ta' membri familjari. Il-presepji ta' kull daqs u għamla li jintramaw f'diversi lokalitajiet u aktar. Il-presepju fid-dar jew Ġesù Bambin, akkumpanjati minn xi siġra tal-Milied mżejna u mdawla.

**Bejn Kisbiet u Riżoluzzjonijiet**
Din l-attitudni, din il-linja ta' ħsieb, forsi jxaqleb lejn l-element negattiv. Sfortunatament insibuh idur magħna, anke matul dawn il-festi sbieħ tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

Kliem bħal: paċi, għaqda, ferħ jew ġabra m'għadux ta' importanza għaż-żmien tal-lum. Dan ħlief għall-kelma waħda biss bla ebda eċċezzjonijiet – Riżoluzzjonijiet.

Ħa nkun ċar, m'hemm assolutament xejn ħażin li l-bniedem jagħmel bħal eżami tiegħu nnifsu u jara kif jista' jirranġa u/jew ikun aħjar matul it-tnax il-xahar li jkunu ġejjin. Anzi, hekk għandu jkun. Pjuttost nemmen li din m'għandhiex tkun xi ħaġa formali ta' darba f'sena, iżda ngħidu aħna kull tlieta jew sitt xhur.

Però apparti dan kollu, hawnhekk qed jerġa' joħroġ dak l-element, li fl-opinjoni tiegħi hu tan-negattività. Waqt li hu tajjeb li nesploraw modi ġodda u sfidi biex inkomplu ntejjbu lilna nfusna, bħal donnu sena wara oħra qed ninsew niċċelebraw il-kisbiet li nkunu ksibna matul is-sena li tkun għadha kemm għaddiet.

Fil-ħajja wieħed jesperjenza sfidi differenti fosthom: sfidi konnessi ma' saħħitna, sfidi ta' riżultati tajbin fl-eżamijiet, sfidi konnessi max-xogħol tagħna. Xi ħaġa ġdida li nkunu għamilna bħal xi bdil ta' sett għamara ta' xi kamra fid-dar jew forsi biddilna l-karozza. Saħansitra forsi bdejna xi kors ġdid u/jew iggradwajna f'xi



suġġett. Sfidi biex stajna laħħaqna mal-ħajja, mal-ħin li tant sar prezzjuż. Li forsi rnexxielna, flimkien mal-familja tagħna mmorru xi safra, jew wettaqna xi ħolma li kienet ilha tberren f'moħħna ż-żmien.

Għaliex qed ngħid dan kollu? Għax kif jgħid il-Malti, f'ħajjitna għandna t-tendenza naraw wisq it-tazza ta' quddiemna nofsha vojta, pero`ninsew li n-nofs l-ieħor hu mimli!

Biex nikkonkludi, forsi jkun tajjeb li meta ninsabu miġburin fl-aħħar tas-sena, waqt li naqsmu ma' ta' madwarna dawk ix-xewqat jew riżoluzzjonijiet li nkunu nixtiequ nwettqu fis-sena l-ġdida, għandna niċċelebraw ukoll dak kollu li wettaqna.

Ħafna drabi lil Alla nfittxuh fit-tbatija, fil-maltemp ta' ħajjitna, f'xi kriżi, f'xi diżappunt, fil-mard, fid-dwejjaq jew fis-solitudni. Però ħbieb għandna nirringrazzjaw il'Alla l-imbierek ta' dak kollu li għamel u li għadu jagħmel magħna jum wara jum. Jekk xejn li qed nibdew jum ġdid li mhux kulħadd qed jibdieh!

Nieħu l-okkażjoni biex minn dawn il-paġni nixtieq lill-qarrejja ta' rivista 'Familja', l-isbaħ xewqat għal Milied qaddis u dak kollu li tixtieq qalbkom matul is-sena l-ġdida li se nibdew ftit biss jiem oħra, is-sena 2020. Awguri u ħudu ħsieb tagħkom u ta' madwarkom.



# Ninċentivaw lill-familji u nagħtu kwalità ta' ħajja aħjar



**L-Onor. Michael Falzon**
Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal
u Solidarjetà Soċjali

- Tnaqqis fit-tassazzjoni fuq l-ewwel mitt siegħa sahra
- Child Bonus ta' €300 għal kull twelid u addozzjoni
- Żieda ta' ġurnata leave għal aktar ħin mal-familja

Ħbieb,

Sinċerament nemmen li l-familja dejjem kienet, għadha u tibqa' l-bażi ta' kull soċjetà. Hija l-familja li twelled it-tfal tal-ġenerazzjonijiet futuri. Ġenerazzjonijiet li magħhom ġġorru valuri, ideat u prinċipji li jgħaġnuna f'poplu wieħed u maqgħud. Huwa għalhekk illi fil-qasam tal-familja jidħol il-bżonn ta' direzzjoni kontinwà li tilqa' l-isfidi tal-lum u ta' għada.

Minn naħa tagħna bħala Gvern, se nkomplu nippromovu ambjent li jgħin il-familji minn żewġ aspetti ewlenin; dak finanzjarju, kif ukoll titjib fil-kwalità tal-ħajja. Il-baġit għas-sena 2020 huwa xhieda ta' kemm dan il-Gvern għandu għal qalbu l-familji. Li dejjem jipprova jgħin lil dawk l-aktar vulnerabbli filwaqt li jippremja lil dawk l-individwi u l-familji bieżla.

Infakkar ukoll li mis-sena d-dieħla ser jiġi ntrodott benefiċċju ġdid li jingħata mat-twelid ta' tarbija jew addozzjoni ta' tifel jew tifla. Permezz ta' dan il-benefiċċju, magħruf bħala Child Bonus, il-familji se jkunu qed jingħataw €300 għal kull twelid u addozzjoni. Dan il-bonus ser jingħata kull darba li familja jkollha twelid jew adozzjoni.

Introduċejna wkoll miżuri oħra li huma initizjattivi biex jtejjbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies; bħaż-żieda ta' ġurnata 'leave', li se twassal għal aktar ħin ta' kwalità mal-familja. Ma' dawn wieħed jista' jsemmi wkoll tnaqqis fit-tassazzjoni fuq l-ewwel mitt siegħa sahra, biex b'hekk dawn il-ħaddiema se jkollhom aktar x'jonfqu.

Il-familji huma n-nukleju ta' pajjiżna, u għalhekk se nkomplu nagħmlu dak li hu possibli biex innaqsu l-piżijiet, ninċentivaw lill-familji u nagħtu kwalità ta' ħajja aħjar.



**Agħti d-demm illum**
**Għada jista' jkun tard**

**2206 6201**

**GRAZZI**



# Aktar miżuri soċjali għall-2020

**Mark Musú**

Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali

Fl-aħħar ħarġa ta' Familja kont ktibt dwar ix-xogħol li kien għaddej fl-eqqel tas-sajf fil-ministeru biex jitfasslu u jitressqu miżuri għal baġit 2020. Il-frott ta' din il-ħidma ġbarnieh dakinhar tad-diskors tal-baġit mill-Ministru għall-Finanzi bit-tħabbir ta' 34 miżura soċjali.

Kien ta' sodisfazzjon għalija u għal kull min ħadem biex tħejjew u ġew stmati dawn il-miżuri għax għal darb'oħra, numru sabiħ ta' proposti li ressaqna ġew aċċettati. Ta' sodisfazzjon akbar, iżda, kien il-fatt li dawn il-miżuri ngħaqdu mal-kullana ta' miżuri varati f'baġits preċedenti biex jgħinu faxex sħaħ tas-soċjeta' u, flimkien ma' miżuri oħra mressqa minn ministeri oħra, se jissoktaw jgħollu l-livell u l-kwalita' tal-ħajja. Fuq kollox, nistennew li dawn iħallu l-marka tagħhom fil-ġlieda kontra l-faqar u jbiegħdu aktar persuni mir-riskju tal-faqar, esklużjoni soċjali u ċaħda materjali.

Il-miżuri spikkaw għax laqtu mill-viċin eluf ta' persuni u familji, minn anzjani sa koppji żgħażagħ, minn persuni b'diżabilita' jew severament invalidi sa persuni mtaqqla bil-mard tal-kanċer u kundizzjonijiet oħra mediċi bħall-fybromyalgia u ME, minn pensjonanti, romol, u ex-membri tal-forzi dixxiplinati li wara li rtiraw mis-servizz qattgħu snin f'impjieg ieħor.

Il-medja lokali flimkien mas-soċjeta' ċivili kellhom kummenti pożittivi dwar il-miżuri u diversi kummentaturi qiesu l-baġit bħala wieħed b'kuxjenża soċjali. L-aktar li ħallew impatt kienu dawk intiżi għall-anzjani u l-pensjonanti, mhux biss minħabba l-eluf li ser igawdu minnhom iżda wkoll għas-sostenn akbar finanzjarju li ser irendu.

Spikkat iż-żieda ta' €7 fil-ġimgħa, inkluż dik għall-għoli tal-ħajja għal pensjonanti. Barra li kienet il-ħames waħda konsekuttiva

kienet l-akbar waħda li rċievew il-pensjonanti fl-aħħar 40 sena. Flimkien maż-żieda għall-għoli tal-ħajja, din il-miżura waħedha ser tiswa madwar €35 miljun. Dan ma jinkludix it-titjib li tħabbar għall-kategoriji ta' pensjonanti bħal romol, pensjonanti tas-servizz u oħrajn li wara li rtiraw minn korp dixxiplinat baqgħu jaħdmu b'pagi aktar baxxi milli kellhom fis-servizz.

Eluf oħra ta' rġiel u nisa ta' 'l fuq minn 62 sena mill-ġdid ser jitħallsu l-għotja għal ċittadini anzjani u l-bonus li jingħata lil dawk li ma jkunux ħallsu biżżejjed bolol biex jikkwalifikaw għal pensjoni kontributorja. Għall-ewwel darba, dawk fosthom li jilħqu l-eta' ta' 80 sena l-għotja tagħhom ser tiżdied b'€50 għal €350, filwaqt li dawk li ntitolati għall-bonus l-ieħor għall-ewwel darba ukoll ser ikomplu jirċevuħ anke meta jagħlqu l-75 sena.

Kategorija oħra ta' anzjani li ħadu żieda huma dawk bi dħul baxx u jirċievu l-għajnuna supplimentari. Barra l-assistenza li huma ntitolati għaliha, dawk fl-eta' ta' 65 sena u aktar jingħataw allowance li s-sena d-dieħla ser tiżdied b'€50 għal €150.

Ħsibna fit-tfal li għad iridu jitwieldu jew jiġu addottati, għax għall-ewwel darba flimkien mal-Benefiċċju jew il-Leave tal-Maternità, maċ-Children's




Allowance u mal-għotja tal-Adozzjoni, il-familji ser jingħataw bonus ta' €300 għal kull wild ġdid jew li jiġi adottat biex itaffu mill-ispejjeż ġodda. Għotja ta' din ix-xorta tingħata f'uħud mill-pajjiżi Ewropej kif ukoll fl-Awstralja u l-Kanada.

Fil-qasam tad-diżabilita' ser intemmu r-riforma biex dawk li ma jistgħux bl-ebda mod joħorgu jaħdmu minħabba l-kundizzjoni tagħhom jibdew jitħallsu assistenza daqs li kieku qed jaħdmu u jaqilgħu il-paga minima nazzjonali netta. Għall-istess ammont se titla' wkoll il-Pensjoni tal-Invalidita għal dawk li jkollhom il-punteġġ massimu ta' indeboliment.

Bħalma nagħmlu kull sena ridna wkoll li nkunu ta' wens għal dawk f'faxex iżgħar tas-soċjeta' billi tejjibna l-kriterji biex jirċievu l-benefiċċju tal-mard persuni milquta bil-mard tal-kanċer u bil-kundizzjonijiet tal-fibromyalgia u ME.

Wessajna wkoll il-kriterji mediċi biex persuni neqsin mis-smigħ jew ma jitkellmux isiru eliġibbli għall-Assistenza għal Diżabilita'. Għal dawk il-ġenituri li jkollhom jieqfu mix-xogħol biex iduru b'uliedhom li jsofru minn mard rari ser jkunu jistgħu jikkwalifikaw għall-kontribuzzjonijiet akkreditati tas-sigurta' soċjali biex meta jirtiraw mix-xogħol il-pensjoni tagħhom ma tkunx affetwata.

Dawn il-miżuri ħallew impatt qawwi fost il-pubbliku u fil-medja soċjali. Il-kummenti kienu jqanqluk u juruk li fil-ħajja verament l-ebda ġest ta' solidarjeta', żgħir jew kbir, m'hu mitluf.

Fis-settur tal-akkomodazzjoni ser ikompli t-twettiq tal-pjan ħolistiku maħsub biex jgħin lil dawk li ma jlaħħqux mal-ħlas tal-kera jew ma jifilħux jixtru propjeta' billi tejjibna u estendejna skemi li daħlu fis-seħħ din is-sena.

Biex aktar familji u persuni jibbenefikaw, saret reviżjoni tal-iskema tal-Benefiċċju tal-Kera biex dawk bi dħul medju wkoll isiru eliġibbli għas-sussidju jekk il-kera taqbeż il-25% tad-dħul gross tagħhom. B'hekk persuna li tgħix waħedha issa ser tibbenefika jekk ikollha dħul sa €19,000; filwaqt li koppja b'żewġt itfal ser tibbenefika jekk taqla sa €32,000.

Minn naħa l-oħra dawk taħt l-40 sena li jridu jixtru fejn joqgħodu u ma jkollhomx biex iħallsu d-depożitu ta' 10% f'daqqa, bi ftehim ma' xi banek l-Awtorita' tad-Djar ser issellef sa massimu ta' €17,500 biex ikun jista jsir dan il-pagament. Is-self jitħallas b'lura bin-nifs fuq medda ta' 15-il sena mingħajr imgħaxx għax ser jagħmel tajjeb għalih il-Gvern.

Bosta mill-miżuri fdati lilna jridu jidħlu fis-seħħ kmieni kemm jista jkun fis-sena l-ġdida u għal dan il-għan u għal dawn l-aħħar ġimgħat kienet għaddejja ħidma kbira biex it-twettieq tagħhom isir f'ħinhom. Għal dan ngħid grazzi lil dawk kollha involuti, mhux biss biex iwettqu dawn il-miżuri, iżda ukoll lill-ħaddiema kollha f'dan il-ministeru hekk kbir u importanti għall-ġidma tagħhom tul is-sena.

Nagħlaq billi nawgura l-isbaħ xewqat għall-Milied Qaddis u Sena Ġdida mimlija saħħa, risq, paċi u sliem lill-ħaddiema kollha f'dan il-ministeru u lill-qarrejja kollha ta' Familja kif ukoll lill-familji tagħhom ilkoll.

# €200 million
## every year in funding for social welfare services in Malta

**Matthew Vella**
Chief Executive Officer
Social Care Standards Authority

The SCSA's mission is to enforce the regulation of social care services in Malta through clear dialogue and effective collaboration with everyone involved; service users, their loved ones, and stakeholders.

A key difference between the SCSA and its international counterparts is that in foreign countries, regulating authorities tend to focus on one specific sector in social care, whereas in Malta there is one authority overseeing all services related to the area.

This translates to over 250 services from all sectors in the Maltese society; Government, NGOs, Church and private, and an expense of 200 million euros every year in funding for social welfare services in Malta.
Any entity interested in opening a residence or in providing a service in social care needs to acquire a license to do so from the SCSA as per chapter 582 of the Maltese law. In order to achieve the aims that this Authority is targeting, we are currently working on a seven year strategy plan. The SCSA's Strategic Vision is divided into 4 Strategic Objectives.

Each of these Objectives has several Initiatives which provide the Authority with aims towards which to strive for a total of 21 Initiatives across the 4 Objectives. Furthermore, 84 Measures, or actions, are listed for these 21 Initiatives to act as a guide for achieving these Initiative and thus actualizing SCSA's Strategic Vision for 2020-2027.

Through its 4 Strategic Objectives for 2020-2027, the Authority aims to reinforce the dialogue and consultation with service users, service providers and other stakeholders; consolidate a culture that will enable the Authority to regulate and lead transformational changes in social welfare service in Malta; establish a people-centred integrated system maximising the use of technology; and act as a catalyst in the promotion of a value for money perspective within the social welfare sector.

Through these objectives, the Authority will positively shape social welfare services to offer the Maltese and Gozitan people. While one of our aims is to inspire service providers, the authority's best interest will always be the safety and security of the service users, whom we strive to empower through our actions.

# Lir-rwol taċ-Ċentru Servizz Anzjan tal-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità

**Alex Vella**
Kap taċ-Ċentru Servizz Anzjan

Iċ-Ċentru Servizz Anzjan huwa uffiċċju li jinsab f'numru 3, Triq Zekka, il-Belt Valletta u jifforma parti mill-entità dwar l-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità.

Dan iċ-Ċentru jservi bħala uffiċċju fejn jintlaqgħu l-applikazzjonijiet kollha għas-servizzi residenzjali u tall-komunità. Dawn jaslu għandna permezz tal-posta,  b'mod personali jew inkella bl-imejl aaccd-services@gov.mt.



Fuq is-sit elettroniku www.activeageing.gov.mt wieħed jista' jsib formola waħda sabiex japplika għas-servizzi kollha tad-dipartiment li jkun jinħtieġ.

Il-proċess jinvolvi li naraw li kull applikazzjoni tkun mimlija tajjeb sabiex tinħarġilha l-acknowledgment. Dawk l-applikazzjonijiet li jkunu hard copies jiġu skenjati sabiex imbagħad jintbagħtu fis-sezzjonijiet rispettivi sabiex jiġu proċessati.

Dawk fil-forma elettronika jkunu jistgħu jitmexxew minnufih. Tajjeb li ngħidu ukoll li tinżamm kopja elettronika ta' kull applikazzjoni li tiġi ppročessata. Applikazzjonijiet li ma jkunux mimlija sew jerġgħu jintbagħtu lill-applikant,  flimkien ma' nota ta' spjega biex b'hekk l-applikant ikun jaf x'għandu jagħmel sabiex l-applikazzjoni tiegħu tkun tista' tiġi ppročessata.

Ħafna nies iċemplu liċ-Ċentru Servizz Anzjan sabiex jiksbu informazzjoni dwar is-servizzi tagħna. Għalhekk wieħed jista' jikkuntatjana permezz tat-telefown fuq in-numru 2278 8800. Oħrajn jagħżlu li jiġu jitkellmu magħna għaliex isibuhom aktar komdi li jitkellmu ma' xi ħadd wiċċ imb' wiċċ.

Dan huwa faċli peress li l-uffiċċju tagħna jinsab fin-naħa ta' barra tal-Belt Valletta, fi pjan terran, mat-triq u b'hekk huwa aċċessibbli għal kulħadd.

Ta' min jgħid wkoll li minbarra x-xogħol imsemmi hawn fuq, hemm ħames servizzi li l-applikazzjonijiet għalihom jiġu proċessati direttament minn Ċentru Servizz Anzjan. Dawn huma: s-servizz tal-Meals on Wheels, is-servizz tal-Kontinenza, l-applikazzjonijiet għad-Dħul fid-Djar residenzjali, in-Night Shelters u l-iskema tal-Carer at Home.

Aktar informazzjoni fuq is-servizzi li jipprovdi d-dipartiment jistgħu jinstabu fuq is-sit elettroniku **www.activeageing.gov.mt .**





# The EU Social Security Coordination Rules

**Karen Farrugia**
Manager II (Research)
International Affairs Unit

### What are the EU Social Security Coordination rules and how do these apply to me?

The EU provides common rules to protect your social security rights when moving within Europe (EU 28 + Iceland, Liechtenstein, Norway and Switzerland). The rules on social security coordination do not replace national systems with a single European one. All countries are free to decide who is to be insured under their legislation, which benefits are granted and under what conditions.

### The four main principles:

- You are covered by the legislation of one country at a time so you only pay contributions in one country.

The decision on which country's legislation applies to you will be made by the social security institutions. You cannot choose.

- You have the same rights and obligations as the nationals of the country where you are covered. This is known as the principle of equal treatment or non-discrimination.
- When you claim a benefit, your previous periods of insurance, work or residence in other countries are taken into account if necessary.
- If you are entitled to a cash benefit from one country, you may generally receive it even if you are living in a different country. This is known as the principle of exportability.

## The EU rules on social security coordination cover:

- Sickness, maternity and equivalent paternity benefits
- Old-age pensions, pre-retirement and invalidity benefits
- Survivors' benefits and death grants
- Unemployment benefits
- Family benefits
- Benefits in respect of accidents at work and occupational diseases

As regulations, the coordination rules apply directly in all EU countries. In other words, they have to be observed by national authorities and administrations, social security institutions and courts. Even when national laws are in conflict with them, EU rules have priority.

It may be difficult to determine whether or not a particular benefit is covered by the coordination rules. Contact your social security institution to find out. You can find your contact institution through the directory provided by the European Commission available at: https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1028&langId=en

## What is not covered?

A certain number of special cash benefits which are not based on contributions (non-contributory benefits) will only be provided by and at the expense of the institution of the country of residence. In most cases these benefits are paid to people whose pension or income is below a certain level. They will not be paid if they reside in another country. These benefits are listed in Annex X of Regulation 883/2004.

EU coordination does not apply to social and medical assistance: these benefits are normally granted on the basis of your means. EU coordination does not apply to taxation. Ask the tax authorities for further information on your particular case.

# Is-Sette Giugno

## mill-Belt Valletta għall-Ħamrun u Ħal Qormi

**Mary Grace Cassar**

Kriminoloġista, Occupational Therapist




Din is-sena jaħbat il-mitt sena mill-avvenimenti magħrufa bħala tas-Sette Giugnio, minħabba f'dan l-anniversarju, aħna jkollna wkoll btala pubblika. F'dan l-avveniment jiġu mfakkra partikolarment is-sitt vittmi li tilfu ħajjithom waqt l-irvellijiet.

Ħafna jassoċjaw dawn l-irvellijiet mal-prezz tal-ħobż fiż-żmien ta' wara l-Gwerra l-Kbira (1914-1918). Iżda fil-verità kien il-prezz tal-ħobż li kkaġuna dawn l-irvellijiet ? Il-kważa ta' dawn l-irvellijiet seħħew fil-Belt Valletta iżda nfirxu ukoll f'lokalitajiet oħra bħal Ħamrun, Marsa, Ħal Qormi, Rabat (Malta) u ż-Żejtun.

Sa minn qabel il-gwerra, kien hawn faqar kbir u fl-1906 saħansitra l-qassisin wettqu 'azzjoni industrijali' (strike) f'talba għal żieda ta' six pence ta' kull quddiesa li jiċċelebraw. Fl-1907 azzjoni simili saret mill-ħaddiema tat-tramm.

F'nuqqas ta' investiment, l-unika entità li tħaddem in-nies kien prattikalment il-Gvern kolonjali u b'hekk ma kienx faċli li l-ħaddiem jiġġieled għad-drittijiet tiegħu f'pajjiż b'nuqqas kbir ta' opportunitajiet ta' mpjieg.

Is-sena 1914 rat diversi taqlib politiku fl-Ewropa, li wassal għall-Gwerra l-Kbira. Iżda f'kuntrast ma' dak li ġara f'pajjiżi oħra, l-Maltin iċċelebraw fit-toroq tal-Belt Valletta. Dan għaliex fl-4 t' Awwissu tal-1914 tħabbar li l-Imperu Ingliż kien ser jipparteċipa fi gwerra li nvolviet diversi pajjiżi Ewropej.

Għalkemm b'simpatiji ta' politika differenti, iż-żewġt baned tal-Belt Valletta ħarġu jiċċelebraw dik l-aħbar b'marċ spontanju. Kien żmien meta l-poplu kien qed jittama li l-gwerra kienet ser toħloq impjiegi ġodda f'Malta. Fil-verità dan seħħ, għaliex fil-gwerra l-impjiegi fid-Dockyard żdiedu minn ftit aktar minn 5,100 għal madwar 16,000.



Fl-1915 bdew jaslu numru kbir ta' suldati midruba li huwa mifhum li kienu jammontaw għal madwar 80,000. B'hekk bosta Maltin sabu impjiegi oħra fl-isptarijiet. Apparti dan kien hemm numru ta' refuġjati u priġunieri li nġiebu Malta u li ħallew impatt fuq l-ekonomija.

It-tibdil wassal ukoll biex l-inħawi ta' madwar il-Port il-Kbir żiedu fil-popolazzjoni. Diversi Maltin li kienu emigraw biex ifittxu xogħol, eżempju f'Tunis u l-Alġerija, irritornaw Malta u sabu mpjieg, bis-saħħa t'hekk setgħu jerġgħu jingħaqdu mal-familjari tagħhom.

Bosta nisa u tfajliet żgħar bdew ukoll jiġu mpjegati f'xogħol varju. Nistgħu ngħidu li indirettament il-gwerra ġabet ċertu tibdil li kkuntrasta mad-drawwiet tradizzjonali.
Matul il-gwerra tfaċċaw wkoll piżijiet ġodda u filwaqt li b'mod ġenerali l-pagi tal-ħaddiema kienu żdiedu b'10%, madanakollu l-prezzijiet tan-neċċessitajiet bażiċi kienu żdiedu bil-wisq aktar.

Il-prezz tal-ħobż kien żdied b'125%. Il-ħxejjex b'200%. Il-ħalib b'200% u l-laħam b'250%. Il-prodotti neċċessarji għall-għixien ta' kuljum ma kinux biss għoljin, iżda bosta drabi skarsi jew ta' kwalità inferjuri.

Fis-7 ta' Mejju tal-1917 l-Imperial Government Workers Union (I.G.W.U.) sejħet azzjoni industrijali ta' erba' t'ijiem fid-Dockyard li ġiet fi tmiema bl-intervent tal-Isqof Mauro Caruana u l-għotja ta' 50% żieda fil-War Bonus.

Dokumenti kunfidenzjali li saru aċċessibli fl-aħħar snin jixhdu li l-Ingliżi kienu konxji mill-pagi miżeri tal-Maltin u li l-poplu kien f'diversi każi mġewwaħ. Bosta missirijiet kellhom aktar minn impjieg wieħed u xorta ma kinux qed ilaħħqu mal-ħajja bażika. Kien hemm min saħansitra jkollu jirrikorri għal self fuq l-idejn jew bejgħ ta' affarijiet sentimentali.

Għalkemm kien ingħata wkoll il-Bread Rebate, xorta waħda d-dħul finanzjaru tal-poplu kien baqa' miżeru.  l-paga ta' labourer kienet ta' 14c fil-ġimgħa u din f'ċerti każijiet kienet titla' għal madwar 26s lil ċerti ħaddiema tas-sengħa biss.

L-gwerra ġiet fi tmiema fil-11 ta' Novembru tal-1918 u b'hekk l-U-Boats Ġermaniżi ma baqgħux ta' theddida għall-importazzjoni ta' prodotti varji bħal qamħ. Minkejja dan is-sitwazzjoni xorta waħda baqgħet prekarja.

Matul il-gwerra, ħafna mill-Maltin kienu jillapazzaw mal-ħajja permezz ta' 'skart' (drappijiet u ikel varju) minn sptarijiet militari, imma la darba l-isptarijiet bdew jagħlqu, xi Maltin ġew f'dilemma.

Bejn Settembru tal-1918 u Marzu tal-1919, 651 persuna f'Malta (jiġifieri 3 minn kull 1000) tilfu il-ġlieda tagħhom mal-ħajja b'kawża tal-Influenza Spanjola, prinċipalment dan seħħ minħabba n-nuqqas ta' iġene u n-nutrizzjoni ħażina fost il-poplu.

Il-paċi fil-pajjiż, kienet ġabet magħha numru kbir ta' sensji u skont l-Ammiraljat, minn 16,000 ħaddiem fid-Dockyard issa kienu meħtieġa biss 5,000 ħaddiem. B'konsegwenza li l-qagħad laħaq in-numru ta' 20,000 persuna.

L-unika pjan għal Malta mill-amministrazzjoni Ingliża jidher li kien;  l-emigrazzjoni tal-mases. Emigrazzjoni lejn il-Palestina li fl-1917 kienet spiċċat f'idejn l-Ingliżi u li imbagħad bdew jissuġġerixxu twaqqif ta' komunità Maltija fl-art imqaddsa.

Għalkemm bejn l-1919 u l-1920 emigraw mal-10,000 persuna lejn destinazzjonijiet varji, fl-imigrazzjoni wkoll kien hemm diversi problemi.
F'Awwissu tal-1917 twaqfet il-Food Control Police Section, minħabba li kien hemm abbużi kbar bil- prodotti tal-ikel; bħal li l-ħobż beda jsir bir-ross mitħun flok bi tqiq mill-qamħ.

Dan wassal għal każi ta' debbulizza, anke fil-każ li l-poplu jiekol l-istess ammont ta' ħobż fil-ġurnata, dan għaliex l-ħobż kien l-ikel bażiku tal-poplu. Fil-gazzetta 'L-Unjoni Maltija' tas-Sibt 22 ta' Marzu tal-1919, it-tabib Gian Felic Inglott (1848-1919) minn Bormla kiteb hekk:

*"... bħala tabib li nidħol kullimkien, saħansitra fl-aktar gebubi miserabbli fejn jinġabar il-faqar, nista' ngħid li smajt b'widnejjaa trabi jgħidu l'ommhom: "Ma, bil-ġuħ!".  Din l-għajta hija xafra mixwija f'qalb dik l-omm li bid-dmuħ f'għajnejha qaltilhom, "m'għandix ħobż x'nagħtikhom".*

*Bis-sebgħa soldi r-ratal, biex ixxebba sebgħa jew tmien 'itfal, mhux paga ta' żewġ xellini kuljum trid għal dak il-povru missier li joħroġ minn filgħodu u jibqa' jaħdem sa filgħaxija - u minn dawn ix-xeni aħna t-tobba naraw kuljum, iżda dawn l-istess esperjenzi ma jistgħux jarawhom dawk li huma fil-għoli...".*

F'dan iż-żmien diffiċli, l-partiti politiċi Maltin kienu għadhom entitajiet żgħar u minn dokumenti kunfidenzjali ta' dawk is-snin, jidher li l-Ingliżi kienu konxji li l-Maltin ma kinux f'pożizzjoni li jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom. Kienu konxji ukoll li kien hemm bżonn tal-edukazzjoni obligatorja biex il-poplu javvanza.

Dawn kienu l-argumenti li Manuel Dimech (1860-1921) regolarment tkellem dwarhom. Dejjem saħaq li hija neċċessità li tinkiseb l-Indipendenza intelletwali, ekonomika u politika. Fl-1914 Dimech ġie eżiljat lejn Eġittu akkużat mill-Ingliżi bi tradiment favur il-Ġermanja.

Il-Maltin kien ilhom jingħataw il-ġenb mill-amministrazzjoni Ingliża (f'Malta) u għalhekk il-faqar ippersistà. Kien wasal iż-żmien li jkollna amministrazzjoni minn politikanti Maltin. Din kienet l-unika tama biex tingħata aktar importanza lill-Maltin f'darhom.



*Manuel Dimech*

F'dan ix-xenarju politiku, dehret ittra fil-gazzetti mit-tabib Filippo Sciberras. Din l-ittra sejħet għall-Assemblea Ġenerali li fiha ppparteċipaw ukoll diversi każini tal-baned. L-Assemblea kellha titlob kostituzzjoni ġdida għall-amministrazzjoni mill-Maltin f'ċerti oqsma politiċi, iżda l-Ingliżi bdew jibżgħu mill-impatt li kellu Mizzi fuq l-Assemblea, li skont huma, kien qed jaspira għall-indipendenza politika għal Malta, aktar milli sempliċiment kostituzzjoni ġdida!

L-ewwel laqgħa tal-Assemblea kienet nhar il-25 ta' Frar tal-1919. Għat-tieni laqgħa l-gazzetti taw ħafna aktar pubbliċità u l-aqgħa saret nhar is-7 ta' Ġunju tal-1919, b'manifestazzjoni fit-toroq tal-Belt Valletta b'appoġġ għat-talbiet tal-Assemblea.

Il-manifestazzjoni spiċċat f'dik li wħud iddeskrivuha bħala

rewwixta u li f'xi każijiet kienet tinkorpora elementi xi ftit vjolenti. Minkejja dan l-istoriku Prof. Henry Frendo jargumenta li rridu niġġustifikaw ċertu sakkeġġi minħabba li b'hekk iggwadanjaw il-ftit meta kienu miċħuda 'l ħafna għal tant żmien.

L-irvell beda fit-toroq tal-Belt dakinhar tal-laqgħa, nhar is-7 ta' Ġunju u kompla l-għada fejn b'kollox inqatlu erba' persuni. Kien hemm ukoll numri ta' feruti u oħrajn arrestati, li minn dawn mietu tnejn fil-jiem ta' wara.

Fost l-arrestati kien hemm Cikku Debattista – Il-Bloqq u Gorg Agius – Il-Fagħnu, it-tnejn minn Ħal Qormi (proċessati 2.7.1919 u kkundannati 5 snin u sena priġunerija rispettivament). Is-sitwazzjoni kompliet teskala u din d-darba ma kinitx ikkontrollata. Din infirxet f'lokalitajiet oħra bħal Ħamrun, Marsa, Ħal Qormi, Rabat (Malta) u ż-Żejtun fost l-oħrajn.

Illum, mitt sena wara dan l-avveniment, pajjiżna mexa' 'l quddiem fil-mixja politika tiegħu u minn kolonja sar Nazzjon. L-avvenimenti tas-Sette Giugnio għadhom sinifikanti għalina llum, lil hinn minn kull benefiċċju li tista' toffri sempliċiment btala pubblika!

L-ewwel u qabel kollox, l-avveniment jgħaqqadna bħala poplu wieħed li fl-istorja tiegħu kellu wkoll l-eroj tiegħu, li ġġieldu għad-drittijiet tagħhom biex aħna llum nistgħu ngawdu l-frott. Bħala ġrajja, is-Sette Giugnio tgħallimna wkoll kemm hu faċli li ċerti nies bħal jinjoraw il-weġgħat assoċjati mal-popolin, fejn jinġabar l-aktar il-faqar.

Fl-1919, ċerti Maltin li kienu xxurtjati li baqgħu soċjalment fuq saqajhom wara l-Gwerra l-Kbira, bħal injoraw il-weġgħat ta' dawk il-mijjiet li ġew iffaċċjati b'sensji mill-impjiegi tagħhom.

Bla ma nidħlu fil-mertu ta' argument ta' natura trejdjunjonistika, hawn naraw li ċerti problemi li insibu madwarna, ma jibqgħux barra mill-bieb tad-dar u li konsegwentament jistgħu jħallu impatt fuq is-soċjetà kollha.

Għalhekk importanti li soċjalment inkunu attivi b'mod ċiviku u nieħdu interess f'dak li jkun qed jiġri madwarna. Dan filwaqt li fejn u kemm nistgħu, ngħinu wkoll lil proxxmu fil-bżonn u dan għaliex jekk is-soċjetà taqa' lura, aħna wkoll inbgħatu l-konsegwenzi.



# 'Ħelu Manna' :
## Dak kollu li hu Malti

### DEHEB ABJAD
(It-Tielet Parti)

**Doris Zammit**

Xandara veterana

Fil-ħarġa ta' 'Familja' li għaddiet kont bdejt nirrakonta dwar dak hekk imsejjaħ bħala deheb Abjad li fil-fatt mhu xejn għajr melħ. Kont iltqajt ma' ċertu Leli Ċini u l-familja tiegħu waqt li darba kont qed niffilmja s-serje televiżiva, 'Tan-Nanna Ħelu Manna'.

Leli hu minn Għawdex u fl-ewwel puntanti ta' din l-intervistà konna tkellimna dwar l-istorja ta' kif oriġina l-melħ li jinsab fil-lokalità magħrufa bħala, 'Tax-Xwejni', fil-limiti ta' Marsalforn, Għawdex. F'din il-ħarġa, illum se nkompli u nagħlaq din l-intervistà tant interessanti, probabbli dwar suġġett li tant nieħduh, kif jgħidu l-Ingliżi, *'for granted'*, iżda li fil-verità għandu storja twila u daqstant ieħor interessanti.

### Qabel il-melħ kien jinkines bil-qasab

Leli wrieni ritratt tal-ewwel xkupa li kien xtara fl-1976, għax qabel kienu jikinsu l-melħ bil-qasab.

*"Maż-żmien bdiet il-moda tal-beauticians u bdejt inbiegħ ħafna melħ għall-prodotti tagħhom. Kienu jordnawli bejn 30 u 40 kilo melħ. Anke l-barranin jiġu hawn u jixtru ħafna melħ għax jafu li hu melħ tajjeb u naturali. Jiskantaw meta jaraw min fejn jinġabar dan il-melħ."*

Leli li hu miż-Żebbuġ, għandu żewġt itfal, Raymond u Josephine, li qed tkompli din is-sengħa biex iżżomma ħajja. *"Ma nixtieqx li dan ix-xogħol jispiċċa. Nitlob li l-Mulej jagħtini aktar snin hawnhekk."* qalli Leli.

Stajt ninnota x'imħabba kellu għall-melħ. Tinħass fi kliemu u tilmaħa f'għajnejh.



*"Is-salini jintirtu. Kien fl-1860 li ngħataw l-ewwel darba lil sidien bir-reġistru. Ibni ma kompliex iżda binti minn meta kienet ċkejkna kienet tħobb dan ix-xogħol."*

Hawn Josephine wrietni ritratti tagħha meta kellha 8 snin ma' missierha u ommha jiġbru l-melħ. *"ma stajtx ma nkomplix b'din il-passjoni tant għal qalb missieri, għax hekk naf li jinsab kuntent li xi ħadd qed ikompli dak li tant ħabb għal dawn l-aħħar 50 sena."* qaltli Josephine, li anke f'għajnejha lmaħt l-imħabba li għandha anke hi għall-melħ u għal missierha.

Aktar tard nżilna flimkien fis-salini u beda jfiehmni kif jinġabar



u jsir il-melħ. *"Ikollna speċi ta' bjar u ġibjuni bl-ilma baħar u b'mutur nimlew is-salini. L-ilma baħar fih 3.7% melħ u għalhekk l-aħjar li s-salini jkunu baxxi ħalli l-ilma jinxef aktar malajr. Wara ġimgħa li nimlew is-salini niġbruh. Sfortunatament meta jkun il-maltemp joħdilna kollox."* Leli qalli li kien hemm snin fejn ma kinux tajbin u kull ma kieku jiġbru kienu mad-9 tunnellati melħ. Però meta tkun sena tajba jinġabar anke 25 tunnellata melħ. Ir-rekord ta' Leli 'ix-Xwejni' jibqa' fl-1977, meta ġabar 30 tunellata melħ.

It-turisti lil Leli jsejħulu, "L' homme de sel de Gozo" , "The Man of Salt" jew "Leli tal-Melħ".

Leli newwilli żewġ pakketti melħ li kien ġabar u ppakkja hu stess, kif sar nofsinhar leli qalli li kien sejjer jiekol dak li lestietlu martu Rose. Sellimna lil xulxin filwaqt li kemm hu, u kif ukoll Josephine, stednuni biex nerġa' nattendi għall-ġbir tal-melħ meta tkun tiela' x-xemx.

### Xi kurżitajiet dwar il-melħ

Kif tafu l-melħ huwa dik ix-xi ħaġa li tidħol f'kollox, fil-fatt bil-Malti ngħidu; " kemm int melħa", jew "dak/dik melħa f'kollox jidħlu", bħal ma jidħol il-melħ.

Minħabba li l-melħ huwa meqjus bħala preservattiv, kien parti mill-pedament taċ-ċivilizzazzjoni. Permezz tal-melħ, il-ħtieġa li

l-ikel jittiekel biss meta jkun fl-istaġun tiegħu spiċċa. L-ikel seta' jiġi trasportat għal distanzi twal, kif ukoll għall-ġranet mingħajr ma jiġrilu xejn. Il-Maltin ta' dari forsi aktar minn tal-lum, kienu jdaħħlu l-melħ f'kollox għaliex kienu jippreservaw ħafna ħxejjex u ikel ieħor għal meta ma jkunx bl-abbundanza.

Però bl-umiltà kollha ngħid li lanqas jien ma kont nafha din; sirt nafa waqt li kont qiegħed nagħmel riċerka dwar dan l-imbierek melħ. Kontu tafu li l-melħ il-fin, fil-fatt mhux il-melħ tal-baħar ? il-melħ fin ġej mill-melħ oħxon li jitfarrak iżda b'differenza li minflok ġej mill-baħar ġej mill-minjieri.

Aħna noħduha normali, li nsibu l-melħ mingħajr ma noqogħdu naħsbu kif jasal għandna, u ma nirrealizzawx kemm fih xogħol biex jinġabar u fl-aħħar mill-aħħar jasal fuq il-mwejjed tagħna.

Intant aktar kurżitajiet dwar il-melħ: fl-antik fuq ix-xwieni meta kienu jġorru xi laħam jew ħut, billi ma kienx hawn la fridges u lanqas freezers kienu jippreservawhom billi jużaw il-melħ. Kien ikollhom btieti apposta, imbagħad jagħmlu saff laħam jew ħut u fuqhom saff melħ.

Fil-fatt kif spjegajt aktar 'l fuq il-melħ tant kien prezzjuż fil-qedem li kien ukoll magħruf bħala deheb abjad. Ħafna nies kienu jitħallsu permezz tal-melħ. Jingħad li fi żmien il-gwerra  kienu saħansitra jibdlu l-melħ ma' xi ħobża.

Il-melħ jissemma' kemm-il darba fl-istorja tad-dinja. Kien jintuża għan-negozju kemm bħala flus biex jinxtraw l-iskjavi, kif ukoll biex  jitħallsu s-suldati. Minn hemm oriġinat il-kelma 'salarju'.

Barra l-użu tiegħu fl-ikel, il-melħ huwa wkoll marbut mal-istorja tal-mediċina. Jingħad li diversi tobba kienu jirrakkomandaw l-ilma baħar biex wieħed ifejjaq diversi mard barra li kif qalilna tant tajjeb Leli 'ix-Xwejni', illum il-ġurnata għadu jiżdied mal-prodotti kosmetiċi.

U xi ngħidu għal dawk il-platti tal-melħ li jsiru qrib il-Ġimgħa Mqaddsa. Minn jaf kemm żgħażagħ u adulti minn parroċċi diversi jagħmlu dawn il-platti li jirrappreżentaw xi xena jew oħra mill-Passjoni ta' Kristu. Xogħol ta' reqqa u paċenzja kbira magħmul bil-melħ. Prosit lil dawn iż-żgħażagħ ukoll.



# Stress Management & Wellbeing Course



## Coping under Pressure and Improving Quality of Life

**VENUE:** Sir M.A, Refalo Sixth Form,
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo

**APPLICATIONS:** Through Sir M.A, Refalo Sixth Form,
Telephone : 2598 3950/8
Email : smarefalo.sixthform@ilearn.edu.mt

The second Mindfulness course is going to start on Monday 20th January 2020 and will end on Friday 15th May 2020. First call for applications opens on Monday 2nd December 2019 to Friday 6th December 2019 from 8:00am to 12:00pm. Late applications will be accepted between Tuesday 7th January 2019 and Thursday 9th January 2019 from 8:00am to 12:00pm.

Course is FREE for EU nationals. Tentative days and times are Tuesdays from 9:50am to 10:45am and Fridays from 9:50am to 10:45am. Maximum number of members is limited to 10 members only on First Come First Served basis.

# Il-Personalità ta' 'Familja'

## Is-Sur Martin Buhagiar

### L-ewwel xogħol fil-Forzi Armati ta' Malta

Il-karriera tax-xogħol tiegħi ma bdietx mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali iżda bdiet preċiżament nhar is-17 ta' Diċembru tal-1982 meta fis-sirda ta' filgħodu liebes xorts u t-shirt militari inżilt għat-taħriġ fiżiku ġewwa Ħal Safi mal-Forzi Armati ta' Malta bħala membru tad-Dejma. Avventura li damet erba' snin b'kollox, jekk wieħed jgħodd ukoll il-perjodu li għamilt bħala suldat regolari fil-Forzi Armati.



*Fil-Forzi Armati ta' Malta*

Tista' tgħid li kont għadni tifel meta lbist l-uniformi, iżda ngħid bla tlaqlieq li l-armata u l-ftit esperjenzi li għaddejt minnhom kabbruni fil-karattru tiegħi. Kelli esperjenzi sbieħ, bħal meta wara 10 ġimgħat ta' taħriġ ħadt il-premju bħala l-aqwa rekluta.

### L-esperjenza tal-agħar ġrajja ta' pajjiżna

Maż-żmien però esperjenzajt waħda mill-agħar ġrajjiet li għadda minnu l-pajjiż. Dan kien meta f'Novembru tal-1984 kienu ġew maqtula il-fuq minn sittin ruħ li kienu qed jivvjaġġaw fuq l-arjuplan tal-Eygpt Air. Wara li dan l-arjuplan inħataf mill-pirati tal-arju, ġie splodut.

Waqt li kont fl-armata kien ħareġ eżami għal skirvani mal-Gvern u ddeċidejt li noqgħod għal dan l-ezami. Għaddejt u f'Ottubru tal-1986 irfist l-ewwel tarġa tad-Dipartiment.

## Mill-Forzi Armati għall-Ministeru

Bdejt naħdem il-Head Office, fejn wara ftit xhur fit-Taqsima tar-Reconciliation ġejt mibgħut sabiex naħdem fit-Taqsima tal-Infurzar. Hemm konna tim żagħżugħ, moħħ ir-riħ (għamilna l-ħmerijiet) iżda konna ħabrieka u dejjem interessati li nitgħallmu.

Din l-esperjenza kellha tmiem ħesrem għax nhar il-31 ta' Mejju tal-1990 infurmawni li l-għada kelli nibda naħdem fl-Uffiċċju Distrettwali ta' Ħaż-Żabbar. Bkejt jew aħjar bkejna għaliex wieħed mit-tim kien ser jispiċċa.

L-interess fix-xogħol li wrejt ġie apprezzat mid-Direttur ta' dak iż-żmien għaliex minkejja li sena qabel kont għadni kif ilħaqt Uffiċjal Eżekuttiv, fl-1994 sa l-1995 talbuni nagħmilha ta' Acting Welfare Officer (illum insejħulu Maniġer).

Fil-pożizzjoni ta' Maniġer domt sas-sena 2012. F'Ottubru 2012 imbagħad kont ġejt appuntat Koordinatur Reġjonali tar-reġjun tal-Belt, tal-Ħamrun u tal-Marsa. F'Ottubru tal-2015 ġejt appuntat Maniġer Anzjan fuq l-uffiċini distrettwali, waqt li sena ilu lħaqt Assistent Direttur - Benefiċċji mhux Kontributorji.

## 25 sena fl-Uffiċini Distrettwali

Fl-uffiċini distrettwali ħdimt għal ħamsa u għoxrin sena sħaħ. Bdejt bħala skrivan u spiċċajt bħala Koordinatur Reġjonali. Dejjem kelli distretti li trid taqta' bi snienek biex tibqa' għaddej. Fost dawn kelli: Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun, il-Birgu u l-Ħamrun. Madanakollu nistqarr, li minn dawn ukoll tgħallimt ħafna.

Niftakar, meta bdejt kien għad hemm kollox isir b'mod manwali . Il-parti l-kbira taċ-ċekkijiet konna niktbuhom bl-idejn fid-distretti. Xogħol pjuttost ripettitiv, ġurnata wara l-oħra, ġimgħa wara ġimgħa.

## 'il Bogħod mid-dinja tax-xogħol

Ħa ngħaddi dwar ħajti lil hinn mill-ħitan tad-Dipartiment. Kważi seba' xhur ilu għalaqt ħamsa u ħamsin sena. Jien twelidt nhar it-28 ta' Ġunju fl-1964 u attendejt l-iskola primarja ta' Ħaż-Żabbar.

Wara komplejt bl-istudji tiegħi fl-Iskola sekondarja ta' Bighi u aktar tard ta' Ġużè D'Amato. Għal xi żmien attendejt ukoll fis-Secretrial School. Fis-sena 2000 iggradwajt f'Baċellerat tal-Istudju Relġjuż.

## Minn ġuvni, għal miżżewweġ u bil-familja

Nhar is-7 ta' Ġunju tal-1991 iżżewwigt lil Connie nee Lia. Reċentament għadna kemm għalaqna 28 sena flimkien u għandna żewġt it-tfal. Martin Paula ta' erbgħa u għoxrin sena u Giuseppe Andrea ta' wieħed u għoxrin sena.

Wara sena żwieġ, jien u l-mara konna ddeċidejna li mmorru nagħmlu sena missjoni ġewwa l-Albanija. Kienet esperjenza iebsa iżda li ma titħassar qatt minn moħħi. Ma kienetx faċli, anzi fiha doqna l-ġuħ u ċ-ċaħda forsi ta' dawk l-aktar affarijiet bażiċi tal-ħajja. (li kif jgħidu l-ingliżi, *we take them for granted*).

Apparti n-nuqqas tal-ikel, kellna nuqqas ta' iġene, nuqqas ta' ilma sabiex ninħaslu, kif ukoll l-Albanija kienet għadha ħierġa friska mir-revoluzzjoni u l-waqa' tad-dittatorjat. Dan kollu ssarraf f'instabbilità kbira li kompliet toħloq aktar tbatijiet.

## Jien, it-taħriġ u l-isport

Nikkunsidra ruħi bħala persuna li nħobb u ninteressa ruħi f'kull tip ta' sport, apparti li kull min jafni, jaf li jien Juventin kbir. Għadni nitħarreġ b'mod regolari fl-Arti Marzjali, apparti minn hekk nipprova inżomm ruħi attiv kemm nista' permezz ta' attivitajiet sportivi oħra.



*Sena missjoni fl-Albanija*



# Malta: Il-Gżira fil-Mediterran

## (It-Tieni Parti)

**George Zammit**
Gwida u Missier ta' Familja

F'nofs il-baħar Mediterran insibu l-arċipelagu Malti li flimkien jifformaw il-gżejjer: Malta, Għawdex, Kemmuna u Filfla. B'poplu li fil-maġġoranza tiegħu aktarx ta' komunità Nisranija, ftit kilometri 'l bogħod mill-kosti ta' Sqallija, Tuneżija u l-Libja.

Illum ħbieb, f'din it-tieni u l-aħħar parti ta' dan l-artiklu se nkompli nitkellem dwar il-kapaċitajiet u l-ħiliet tal-Maltin, inkwadrati fl-istorja dinjituża li dawn il-gżejjer kellhom sa minn żmien il-qedem. Fil-gżejjer Maltin jispikkaw l-irħula mibnija madwar toroq u sqaqien, fejn wieħed jista' jiskopri teżori oħra moħbija li jirrendu wirt storiku u kulturali lil pajjiżna.

Gżejjer magħrufa għall-faċilitajiet moderni ta' taħriġ f'qiegħ il-baħar minħabba l-ilmijiet nodfa. Mżejjna b'postijiet trankwilli biex tirrilassa u tgawdi aspetti varji: kemm ambjentali, kemm ta' saħħa u kif ukoll fir-rigward tat-turiżmu sostenibbli, 'l bogħod mil-ħajja mgħaġġla ta' kuljum.

Għalhekk f'dawn il-gżejjer jixraq li jkun hawn poplu magħqud, ħabbrieki, ċivili, li jħobb din l-art tagħna fejn ħloqna tkabbir fl-għeruq tagħna, fejn kbirna flimkien maż-żmien, trabbejna u għadna nrabbu wlied f'din l-istess familja madwar il-fidi tal-qaddis Pawlu.

Jinħtieġ inkunu poplu mpenjat il-ħin kollu, biex qabel kollox inpoġġu lil din l-art Maltija fl-ewwel postijiet. Irridu nkunu ċittadini kburin bl-identità Maltija, għaliex bosta affarijiet bħal: pjanuri, għelieqi, għoljiet, widien, teżori tal-arti, tradizzjonijiet (eż. il-ħobża maltija) eċċ. ilkoll jħaddnu karatteristiċi partikolari li jagħmluna distinti mal-barranin li jżuruna. Ir-responsabbiltà tagħna dejjem taffettwa l-ħajja ta' kif jgħix il-poplu Malti u Għawdxi f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ġid, prosperita` u sbuħija ta' pajjiżna. M'għadux żmien li nibqgħu nistaqsu aktar lilna nfusna x'jista' jagħmel dak jew l-ieħor, iżda qabel xejn, għandna naraw x'nistgħu

nagħmlu aħna stess għal ġid sħiħ ta' pajjiżna.

Jinħtieġ nitgħallmu mill-passat billi ngħallmu liċ-ċkejknin għax dawk huma l-ġenerazzjoni tal-ġejjieni. Ngħaddulhom dawk l-esperjenżi, il-valuri u l-karizmi ta' missirijietna li aħna ħadna mill-istorja ta' qabel u wara ż-żewġ gwerer.

"Ħenjin dawk li jġibu l-paċi f'pajjiżhom, għax huma jissejħu wlied Alla." Hija ħolma sabiħa li turi gratitudni sħiħa lejn pajjiżek b'manijieri tajba li jaffettwaw kif il-Maltin stess flimkien mal-barranin iħarsu lejn art twelidna.

Minħabba f'ċirkustanżi varji, ma rridux nħallu jidħol f`Malta l-attentat aggravat u li b'konsegwenza tiegħu jinsterqulna, dawk il-familji maħbuba, ħaddiema bieżla, żgħażagħ b'kapaċitajiet kbar u kapijiet onesti. Huwa veru li fil-familja l-ward mhux dejjem sabiħ, imma rridu nippruvaw naraw ukoll l-affarijiet it-tajbin.

Ejjew ukoll f'pajjiżna nippruvaw dejjem intejbu dak li huwa tajjeb, inkunu posittivi fl-argumenti nazzjonali u nbiddlu l-ħazin billi nagħżlu li ngħixu ħajja sabiħa bejnietna.
Il-kunċett ta' mħabba f`pajjiżina jrid jiġbor flimkien nies minn livelli differenti tal-ħajja biex jiffurmaw identita` waħda, dik Maltija. B'hekk biss, is-sbuħija ta' pajjiżna tista' tlaqqa' lil kulħadd biex naħdmu iżjed flimkien, id f'id għat-titjib fl-edukazzjoni u fid-dinja tax-xogħol lejn nazzjon sħiħ. B'ħekk biss jingħelbu ċerti kunflitti interni bejnietna, u b'fehma waħda nkunu poplu wieħed li jixtieq lil pajjiżu msebbaħ bil-ġid u l-progress fl-oqsma soċjali, tradizzjonali u religjużi.

Malta kienet, għadha u tibqa' sabiħa, bl-isbaħ port, ġmiel in-natura fl-Ewropa, fejn kull min jidħol minnu, jiltaqa' ma' poplu ġenwin lejn pajjiżu, iffukat fuq l-għajnuna, l-paċi, l-għaqda u s-sliem.

Jekk ċittadin jimxi b`imġiba ħażina lejn art twelidu, jissejjaħ persuna mkabbra li jaħdem għall-qligħ personli tiegħu u mhux ta' pajjiżu. J'Alla naħdmu lejn soċjetà ġusta ħalli f'Malta ma jkunx hawn xi tip ta' firda jew diskriminazzjoni bbażata fuq il-fqir u l-batut.

J'Alla t-trabi tagħna li fi ftit ġranet oħra se jieħdu l-ħajja, ikollhom ix-xorti li jgħixu kif għexna aħna għal sekli sħaħ, fi gżira jisimha Malta, fost l-isbaħ fil-Mediterran.



# Letteratura

**Sarah Borg**

Ex-uffiċċjal tal-Ministru għall-Familja,
Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali



## BIEX TGĦIX KUNTENT

Jekk f'ħajtek trid il-kuntentizza,
ieqaf hewden u ffilosofizza.
Minflok, sib tifsira fil-ġurnata tal-lum
mingħajr ma taħseb kemm se ddum
f'din il-ħajja, taqta' nifsek tiela' t-tlajja.

Tintilifx fuq l-insinifikanza tiegħek, fuq kemm m'aħna xejn,
fuq il-limitazzjonijiet ta' dawn iż-żewġ idejn.
Minflok, fittex li tagħmel xi ħaġa ta' sinifikat
mingħajr ma tinħela fuq il-passat
jew tinkwieta wisq fuq il-futur.

Ħadd ma jaf it-triq fejn se tieħdu, fejn se jmur;
sempliċiment ara li tagħti kulur lill-eżistenza tiegħek
u lil dawk li qegħdin jivvjaġġaw miegħek.
Aħdem u stinka u agħmel ħiltek
u rringrazzja l-Univers taż-żmien li silfek.

Ħallik mit-tweġibiet għall-mistoqsijiet eżistenzjali
li ma jagħmlu xejn ħlief jitfgħuk f'kumpless papali.
Aċċetta l-limiti ta' kemm tista' tifhem u tibqax tiffissa.
Aħseb biss fil-mument ta' issa,
għax dak biss huwa fil-kontroll tiegħek.

Kun af li Alla, ma' kull pass, se jkun miegħek.
Mela ħalli lilu jaħdem fik
u għeġubijiet kbar jagħmel bik.

# Il-Programm tal-Attivitajiet f'SVP



**Ronald Zaffarese**
Koordinatur Anzjan AAU
Residenza SVP Luqa

Merħba. Minn din il-paġna bħassoltu qed inwasslu l-programm tal-attivitajiet għall-anzjani li jgħixu fir-Residenza ta' San Vinċenz De Paule, ibbażata fuq l-erba' xhur li jkunu ġejjin.

Peress li dan hu programm twil, jista' jkun li xi attivitajiet ma jkunux għadhom ġew skedati u allura ma jkunux qed jidhru hawn.

Minkejja dan qed nagħmlu minn kollox biex sa qabel din ir-rivista tasal għandkom, inkunu kemm jista' jkun preċiżi dwar avvenimenti fuq ġewwa kif ukoll fuq barra li jkunu se jsiru għalikom l-anzjani, partikularment f' din ir-residenza.

Nixtieq**u** ninfurmaw li, apparti l-attivitajiet kif jidhru hawn, ta' kuljum fl-10.15 ta' filgħodu l-anzjani residenti jittieħdu l-knisja ta' SVP għall-Quddiesa.

Apparti minn hekk, ta' kuljum ikunu skedati servizzi u attivitajiet diversi.

Fost dawn insibu: logħob tat-tombla, board games, reminiscence, qari, tpinġija, komunikazzjoni, sport, mużika, ċinema, crafts, crosswords, u issa wkoll, chair exercises.

Fiż-żmien li ġej hu maħsub li se tkun introdotta Mobile Library biex ikunu jistgħu jintlaħqu wkoll dawk ir-residenti li jħobbu jaqraw.

SVP Saint Vincent De Paul long term care facility

### Diċembru 2019

07/12/2019 : 09.00AM • 'Tan-nanna ħelu manna'
14/12/2019 : 10.00AM • Kunċert (Wind pipes)
17/12/2019 : 10.00AM • Residents Christmas party (No.1)
18/12/2019 : 10.00AM • Residents Christmas party (No.2)

### Jannar 2020

11/01/2020 : 10.00AM • Talkies - Oliver Twist
18/01/2020 : 10.00AM • Talkies - Eight Below

### Frar 2020

01/02/2020 : 10.00AM • Talkies - Mamma Mia 2
08/02/2020 : 10.00AM • Talkies - Baloon Vender
22/02/2020 : 10.00AM • Talkies - Air Bud
29/02/2020 : 10.00AM • Talkies - Taxi

### Marzu 2020

14/03/2020 : 10.00AM • Talkies - Bed Time Stories
21/03/2020 : 10.00AM • Talkies - Annie



# Ħarsa lejn is-servizzi mogħtija mill-MFCS

**Vince Tonna**
M.Ger; Dip.Appl.Social Studies
Social Worker

Il-Gvern għoġbu jalloka

**€201 miljun**

għas-servizzi tal-anzjani fil-komunità u għall-persuni b'diżabilità.

Qabel xejn, nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi lill-Gvern li għoġbu jalloka €201 miljun għas-servizzi tal-anzjani fil-komunità u għall-persuni b'diżabilità.

Ix-xewqa prinċipali tiegħi u ta' ħafna mill-benefiċċjarji bħali, hija bla dubju ta' xejn, li dawn il-flus jintefqu tajjeb.

Għaldaqstant, billi għamilt diversi snin naħdem f'oqsma mal-anzjani u ma' persuni b'diżabilità, nixtieq nelenka dawn is-suġġerimenti li ġejjin:



(1) Jien nemmen li fost l-aktar nies li jistgħu jikkummentaw dwar is-servizzi mogħtija huma l-benefiċċjarji nnifishom. Għaldaqstant, il-Ministeru għandu, minn żmien għal żmien, jagħmel studju/riċerka dwar kif qed jingħataw is-servizzi tiegħu. Dan jista' jsir billi jibgħat ittri jew jagħmel telefonati lilna l-benefiċċjarji sabiex inressqu s-suġġerimenti tagħna.




(2) Nemmen ukoll li l-impjegati, b'mod speċjali dawk l-impjegati li għandhom kuntatt mal-benefiċċjari, għandhom jkollhom jew jingħataw taħriġ kontinwu, għax il-bżonnijiet tagħna jinbidlu. Kull impjegat għandu jkun jaf sewwa d-drittijiet u l-obbligi tagħna l-benefiċċjarji.

(3) L-impjegati, speċjalment dawk li jaħdmu mill-qrib mal-anzjani u ma' persuni b'diżabilità, għandhom jirċievu wkoll is-servizz ta' superviżjoni mill-anqas darba kull xahrejn. Dan sabiex flimkien mas-supervisor jiddiskutu l-pjan tal-kura tagħna u jikkonfermaw li qed jiġi mwettaq tajjeb.

(4) Punt ieħor li nixtieq nikteb dwaru f'isem dawk il-benefiċċjarji li ma jafux jaqraw bl-Ingliz, hu li l-informazzjoni kollha li hemm fis-sit elettroniku tal-Ministeru tkun ukoll miktuba u aċċessibbli bil-Malti.

(5) Bħala volunteer social worker li ngħin persuni f'dawn l-oqsma soċjali, nirrakkomanda li l-Ministeru jipprova jieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex dejjem titnaqqas il-lista ta' stennija, speċjalment bħal fil-każijiet pendenti ta' benefiċċjarji li qed jistennew is-Servizz ta' Għajnuna fid-Dar, is-Servizz tan-Night Shelters u servizzi oħra ta' Persuni b'Diżabilità. Ma' dawn ukoll, dawk relatati mal-problemi ta' alkoħol u logħob tal-ażżard.

# Il-Festi tal-Milied, l-għoti tad-demm u tal-organi

**Tony Micallef**
Practice Nurse - Donor Liaison
National Blood Transfuson Service

Spiss titkellem ma' nies li jgħidu li jixtiequ jirreġistraw ix-xewqa tagħhom biex wara mewthom iħallu l-organi għat-trapjanti. M'hemmx dubju li din hija ħaġa nobbli u ta' min jinkoraġġiha. Iżda minbarra din l-għażla teżisti possibbiltà oħra li hi aktar tanġibbli u li effettivament tħalli l-frott tagħha fi ftit jiem. Din hi għotja demm.

Ftit huma dawk li jafu li d-demm huwa organu fih innifsu. Fil-fatt, id-demm huwa l-akbar organu li għandna f'ġisimna u li b'kuntrast ma' organi oħra għandu l-potenzjal li jirriġenera ruħu fi żmien qasir.

Għaldaqstant għotja demm faċilment tista' tiġi meqjusa bħala donazzjoni ta' organu minn persuna ħajja u tiġi ttrapjantata permezz ta' prodotti tad-demm f'pazjenti oħra.

Trapjant ħafna drabi jista' jsalva l-ħajjiet ta' dawk li jsofru minn korrimenti fuq il-post tax-xogħol u fit-toroq tagħna. Jaf jagħti tama lil għadd ġmielu ta' morda li jsofru mill-marda tal-kanċer ; fosthom tfal żgħar li bilkemm ikunu għadhom daqgħu l-ħajja.

Għotja tad-demm tagħti tama lit-trabi li jitwieldu qabel iż-żmien, lill-ommijiet li jkollhom emoraġija wara l-ħlas, lit-tfal u 'l adulti waqt u/jew wara xi operazzjoni. Għotja demm jibbenefikaw minnha wkoll nies li jbatu minn kundizzjonijiet bħat-talessemija u mard kroniku ieħor bħal mard tal-kliewi.

Mhux l-ewwel darba li tisma', "Nixtieq nibda' ngħin billi nagħti d-demm, imma nibża'. Nippreferi li kieku wara li mmut inħalli l-organi u jagħtuhom lil min jkollu bżonnhom".

Fil-fatt, għal diversi raġunijiet din hi l-eħfef għażla, iżda b'rieda tajba u bi ftit impenn wieħed jasal biex jagħti d-demm ukoll. Aktar u aktar issa li qegħdin f'dawn iż-żminijiet ta' festi: Milied u l-Ewwel tas-Sena.

Dan il-perjodu tas-sena jixpruna ħafna nies biex apparti li jiċċelebraw il-festi, jagħmlu wkoll opra ta' karità bil-għan li jgħinu lil dawk fil-bżonn, speċjalment lil dawk nieqsa mis-saħħa u li fir-realtà huma ferm 'il bogħod milli jġawdu l-festi. Kif qegħdin insemmu t-tema tal-festi, tajjeb li wieħed jisħaq dwar il-bżonn ta' osservazzjoni lir-regoli tas-sewqan u li idealment ħadd m'għandu jsuq

jekk ikun xorob l-alkoħol, anke jekk f'ammont żgħir. F'dan ir-rigward tajjeb li wieħed ifakkar li biex persuna tkun eliġibbli li ssuq il-livell ta' alkaħol fid-demm ma jridx ikun qabeż il-0.5g/l.

Hemm bżonn li fil-gżejjer tagħna tkompli tidħol aktar id-dixxiplina personali f'dan ir-rigward. Il-punt li tosserva din ir-regola u finalment il-liġi, mhuwiex biex wieħed ma jeħilx multa jew ma jitlifx punti li jwasslu biex tittieħed il-liċenzja tas-sewqan Il-punt hu li wieħed ma jkorrix lilu innfisu jew lil ħaddieħor.  Agħar minhekk, li jitlef ħajtu jew ħajjet ħaddieħor.

Hawn tajjeb li wieħed jaħseb fil-konsegwenzi li jista' jkollu. Meta wieħed isofri minn inċident serju tat-traffiku u jibqa' ħaj, dan ikollu jaffaċċja ħafna sfidi biex jirkupra, u dejjem b'possibbiltà kbira li jibqa' b'diżabilità għal għomru.

Apparti hekk, wieħed jitfa' lil tal-familja f'baħar ta' inkwiet, u biex ngħidu kollox, irridu nsemmu l-piż li jaqa' fuq is-Servizz tas-Saħħa, inkluż il-Bank tad-Demm, kif ukoll



id-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali. Fid-dawl ta' dan kollu, ikun ħafna għaqli li wieħed jagħżel it-triq tad-dixxiplina personali u l-prevenzjoni tal-inċidenti. B'hekk dak li jkun,  igawdi l-festi mal-ħbieb u l-għeżież tiegħu b'ċertu serħan il-moħħ.

Biex nagħlqu dan l-artiklu b'messaġġ pożittiv, irrid ngħid li l-ħajja hi sabiħa u allura ejjew, ilkoll kemm aħna nibżgħu għaliha. Għaliex le,  jekk is-saħħa tippermetti għandna nikkonsidraw li naqsmuha ma' oħrajn permezz ta' għotja demm li tista' tkun rigal uniku għal dan il-Milied. Apparti dan, wieħed jista' jagħżel wkoll li jirreġistra x-xewqa tiegħu li jagħti l-organi u/jew it-tessut wara mewtu, li kollha kemm aħna nittamaw tkun b'kawża naturali u mhux ta' età tenera!

Aktar informazzjoni dwar l-għoti tad-demm tista' tinkiseb mis-sit elettroniku; www.blood.gov.mt, mill-paġna ta' Facebook www.facebook.com/bloodmalta, jew mill-Mobile App Blood Donors MT, inkella permezz tan-numri tat-telefon; 7930 7307 jew 8007 4313.

Għad-donazzjoni tal-organi u/jew tessuti l-pubbliku jista' jżur is-sit elettroniku; www.organdonation.gov.mt jew iċempel fuq in-numru; 2595 3324. Fl-aħħar mill-aħħar nixtieq nieħu din l-opportunità biex nawgura lilkom u lill-familji tagħkom il-festi t-tajba.



# L-Awtorità tad-Djar

## Sensittivi għall-bżonnijiet tan-nies

(It-Tielet u l-aħħar parti)

**Leonid McKay**
Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar

Fl-ewwel parti ta' din l-intervistà mas-Sur Leonid McKay, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar, tkellimna miegħu dwar lir-rwol preċedenti fil-Caritas u spegalna kif issa jqabbel dan mat-tmexxija tal-Awtorità tad-Djar.

Matul it-tieni parti tal-intervistà iffukajna dwar l-Awtorità tad-Djar mid-dimensjoni ta' profiling tal-applikanti dwar akkomodazzjoni soċjali minn l-istess awtorità, bl-għan li din tifhem aktar il-bżonnijiet ta' dawn il-persuni li jinħtieġu s-servizzi tagħha.

Illum, f'din it-tielet u l-aħħar parti tal-intervistà, l-aċċenn jinsab fuq pjan ambizzjuż li għandha l-Awtorità tad-Djar biex tkompli tfittex kollaborazzjoni ta' proġetti bi sħab. Eżempju ma' banek kummerċjali u entitajiet oħra. Dan bl-għan li aktar persuni u/jew familji li jinħtieġu akkomodazzjoni, l-probabbiltà li jkunu assistiti b'mod konkret tkun aktar possibbli, u l-proċess tagħhom ikun aktar faċilitat.

Leonid McKay, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar tkellem dwar

programm ta' kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra, hu spjega kif proprju fi Frar li għadda nedew proġett ta' kollaborazzjoni mal-entitajiet mhux governattivi.

Żied jgħid kif lil dawn se jkunu qegħdin jallokawlhom il-flus biex binjiet tal-gvern li jinsabu fi stat dilapidat jiġu rranġati skont il-bżonnijiet tagħhom, biex hekk ikunu jistgħu joffru servizz personalizzat. B'dan il-mod se jkunu qegħdin ukoll joħolqu servizzi ta' integrazzjoni għan-nies vulnerabbli fis-soċjetà.

**X'inhi r-relazzjoni li hemm bejn l-Awtorità tad-Djar, l-banek kummerċjali u entitajiet oħra? Qed issibu kooperazzjoni biex din il-mira tagħkom tassew issir realtà?**

"Iva. Nista' ngħid li għandna relazzjoni tajba ħafna mal-banek, tant li l-kunċett ta' Equity Sharing li kien imniedi f'Marzu, kien propju possibbli għaliex jeżisti dan ir-rapport tajjeb ħafna bejnietna l-entitjiet.

L-Awtorità diġà qiegħda toffri ukoll dawk li aħna nsejħulhom Social Loans b'kollaborazzjoni mal-Bank of Valletta u l-FSWS. Il-Persuni eliġibbli għalihom mhux biss jingħataw iċ-ċans li jħallsu l-10% depositu flimkien mal-pagamenti fix-xahar, iżda qed jingħataw ukoll sussidju sa massimu ta' €167 fix-xahar, bħala għotja fuq il-pagament lill-Bank filwaqt li l-Awtorità tassisti ukoll bis-servizz ta' Nutar."



# Min hu miegħek waqt maltempata...?

**Tonio Bonello**
Editur Media MFCS

Irridu nitgħallmu napprezzaw. Il-bniedem jieħu gost b'kelma tajba ta' kuraġġ, speċjalment f'xi kriżi jew f'mumenti diffiċli tal-ħajja. F' Settembru, jien kont indispost għal aktar minn xahrejn minħabba infjammazzjoni f'riġlejja t-tnejn li sibt ruħi fiha ħesrem.

Ma kinitx ċajta. Kelli niddaħħal b'emerġenza l-isptar Mater Dei u  hemmhekk għamilt kważi ġimgħa u nofs. Ta' kuljum kont nieħu numru ta' antibiotiċi bl-għan li nirkurpra mis-sitwazzjoni, li spiċċajt fiha bla mistenni.

Wara kelli nibqa' niġi rikoverat id-dar, bi żjarat darbtejn fil-ġimgħa l-isptar biex jittieħduli eżamijiet tad-demm u tal-qalb. Flimkein ma' żjarat għand Speċjalista tajba ħafna li segwitni matul dan il-perjodu.

Dawn huma ċirkostanzi fejn, bla ma trid, joħorġu waħedhom il-ħbieb ġenwini tiegħek. Apparti ż-żjarat li kelli mingħand kollegi u ħbieb li għażlu li jiġu jqattgħu ftit tal-ħin jgħidu kelma miegħi, l-kuntatti b'mezzi oħra ma naqsux. Illum jeżistu diversi tipi ta' komunikazzjoni: It-telefon, il-mowbajl, l-ittri, l-imejl, il-messaġġi, facebook, messenger, what's up, instagram u l-lista dejjem tiżdied. Normalment persuna tibgħatlek messaġġ biex tara kif int u tixtieqlek fejqan ta' malajr imma l-istorja, aktarx tieqaf hemm. Pero` dan mhux fil-każi kollha.

Eżempju, madwar ġimgħatejn wara li bdiet din l-istorja, saret taf b'dak li ġrali kollega tiegħi tax-xogħol li ilna nafu 'l xulxin is-snin. Mhux għax niltaqgħu spiss, anzi tassew rarament jkun dan. Dan għaliex  waqt li konna naħdmu fl-istess Dipartiment, jien kont fil-bażi tad-Dipartiment f'Santa Venera u hi kienet fl-uffiċċju l-Belt.

Minkejja dan, il-kuntatt bejnietna bil-kitba baqa' kostanti għaliex din il-persuna baqgħet regolarment tikkontribwixxi fil-pubblikazzjonijiet kollha li jien dejjem ħriġt matul is-snin, kemm fid-Dipartiment, u issa wkoll fil-Ministeru. (Dan volontarjament).

Apprezzajt immens lil din il-persuna  għaliex minn meta saret taf li jien kont indispost, ħadet ħsieb li tibagħtli messaġġi ta' tama, ta' fejqan malajr u ta' kuraġġ b'mod regolari.
Din mhix xi persuna li

m'għandhiex x'tagħmel. Anzi persuna gradwata fil-Kriminoloġija mill-Università ta' Malta. Hi wkoll gradwata u taħdem bħala terapista. Tlaħħaq max-xogħol tad-dar, max-xogħol tagħha u barra minn hekk mpenjata f'entitajiet volontarji u ħidma oħra minn wara l-kwinti.

Bla dubju, fil-ħajja mgħaġġla li ninsabu ngħixu fiha llum, ħadd ma jippretendi li persuna tiftakar fik kuljum, aktar u aktar meta mhix tal-familja. B'hekk, llum wieħed għandu japprezza li kollega jkun ftakar fih u bgħattlu messaġġ! Però minn esperjenzi sbieħ bħal dawn, wieħed jitgħallem jiddistingwi bejn il-karattru u l-interess ġenwin ta' persuna minn oħra. Bniedem japprezza aktar l-impenn veru li wieħed jew waħda jkunu lesti jagħmlu għalih, mhux fil-bnazzi, iżda fl-agħar taqtiegħa tal-maltemp.

Dan biex ma nsemmux li fis-soċjetà materjalista u aljenata li qed ngħixu fiha llum,



ċerti ndividwi (ma nistgħux niġġeneralizzaw lanqas) aktarx jekk jagħmlu kuntatt miegħek darba, dan ikun biex jaqtgħu il-kurżità dwar x'ġaralek, inkella biex sempliċiment jgħidu li darba tkellmu miegħek!

Din il-ġrajja sabiħa lili fakkritni fi ġrajja li kien irrakonta Ġesù Kristu aktar minn elfejn sena ilu. Darba waħda, lil dawk madwaru kien qed ikellimhom dwar l-imħabba lejn il-proxxmu. Hu kompla jgħid li l-imħabba ma tixhedx minn dak li wieħed jgħid, iżda bil-fatti; b'dak li jagħmel. Waqt dak id-diskors Ġesù Kristu qalilhom - Il-bniedem fil-ġudizzju jkun ippremjat jew iġġudikat fuq kif għex ħajtu. U kompla; "Kont marid u ġejtu żżuruni. Kont il-ħabs u ġejtu tarawni. Kont għeri u libbistuni. Kont bil-ġuħ u tmajtuni. Kont bil-għatx u tajtuni nixrob...".

Hekk hu. Il-bniedem ikun ġudikat u jingħata l-premju skont xi jkun għamel f'ħajtu. Jalla tassew, persuni bħal Mary Grace li, għall-grazzja t'Alla, għad għandna ħafna minnhom fostna, il-Mulej jiftakar fihom tal-ħafna ġid u kliem ta' kuraġġ li offrew lill-ħaddieħor.

Tassew, mhux li tgħid li jgħodd, iżda dak li tagħmel! Grazzi Mary Grace u tant oħrajn bħalek.

# Ċentru Servizz Familja

## It-tielet ċentru ħolistiku tal-Gvern bil-kunċett ta' servizzi minn post wieħed

Matul l-ewwel tlett xhur tal-2019, il-Gvern ħaseb biex, kif imwiegħed, introduċa t-tielet binja fil-kunċett ta' *One Stop Shop*. Dan ukoll jinsab fil-lokalità subborg tal-kapitali, il-Floriana.

Ċentru Servizz Familja – *servizz.gov* kien uffiċjalment inawgurat nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu ta' din is-sena u jipprovdi ambjent modern b'viżjoni u b'pakkett ta' servizzi minn post wieħed kumplimentari, għal żewġ entitajiet simili, jiġifieri l-*One Stop Shop* hu maħsub biex jaqdi l-bżonnijiet tal-pubbliku f'kuntest Edukattiv, kif ukoll bl-għan li joffri servizzi ħolistiċi fir-rigward tat-Taxxa.

L-aktar proġett reċenti, huwa dak ta' kollaborazzjoni bejn *servizz.gov* u l-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali. Dan għaliex jiffoka dwar numru ta' servizzi speċjalizzati fosthom dawk dwar is-sigurtà soċjali, dawk konnessi mal-anzjani u persuni b'diżabilità, kif ukoll dwar l-ħarsien soċjali rispettivament.

Ċentru Servizz Familja joffri wkoll servizz b'appuntament fejn numru ta' impjegati pubbliċi minn entitajiet varji li jaqgħu taħt il-kappa tal-Ministeru, qed joffru servizz ta' espert fil-qasam rispettiv tagħhom.

Dawn l-entitajiet jinkludu l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbilità, il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u l-entità dwar l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.



Kif diġà msemmi, il-*One Stop Sh*
jinkludi fih ukoll ufficċju tas-
*servizz.gov* bl-għan li l-klijenti li
jkunu bżonnu jinqdew fir-rigward
ta' servizzi governattivi oħra, hek
ikunu jistgħu jagħmlu dan taħt
saqaf wieħed.



Ċentru Servizz Familja jixhed
l-impenn tal-Gvern li jagħti servi
ta' kwalità lill-familja f'diversi
forom differenti, speċjalment lil
dawk l-aktar vulnerabbli.

Iċ-Ċentru jinsab fi Triq Emvin Cremona, fil-Floriana u ikun miftuħ kuljum. Mit-Tnejn sas-Sibt mit-8.00am sas-1.00pm, kif ukoll, kull nhar ta' Erbgħa mill-5.00pm sas-7.30pm, is-sena kollha.

Wieħed jista' jaċċessa faċilment Ċentru Servizz Familja permezz tat-trasport pubbliku, speċifikamnet permezz tar-rotta, numru 130. Din tgħaddi bi skeda kull siegħa, jiġifieri mis-6.40am 'il quddiem minn u lejn il-belt Valletta u li tkopri l-istess akwati ta' Ċentru Servizz Familja.

Jeżisti wkoll is-servizz tal-*Park & Ride* minn u lejn il-belt Valletta l-ħin kollu matul il-ġurnata bi ħlas nominali ta' 40 ċentenżmu tal-ewro, pero` l-pubbliku jista' jasal fil-post ukoll bil-vettura privata tiegħu, fejn il-konsumatur jista' faċilment jipparkja fit-toroq tal-madwar kif ukoll fl-istess parkeġġ tal-*Park & Ride*.

Ċentru Servizz Familja hi binja moderna bil-faċilitajiet kollha possibli konformi għaż-żminijiet tal-lum u kompletament aċċessibli għal persuni b'diżabilità.

Kull min jinħtieġ aktar tagħrif jew għandu xi domandi dwar xi servizz u/jew servizzi relatati, jista' jċempel fuq il-linja telefonika bla ħlas 153 jew jikteb fl-indirizz elettroniku; *familja.servizz@gov.mt* - Aktar informazzjoni tista' tinkiseb ukoll permezz tas-siti indikati hawn taħt:

**https://servizz.gov.mt/mt/Pages/default.aspx**
**https://family.gov.mt/en/Pages/Centru-Servizz-Familja.aspx**

Ħsibijiet ta' suwiċidju huma IKTAR KOMUNI MILLI NAĦSBU

Jekk inti jew xi ħadd qrib tiegħek għandu ħsibijiet ta' suwiċidju,

# nistgħu ngħinuk.

**Għal iktar informazzjoni**
dwar kif l-Employee Support Programme (ESP) jista' jkun ta' għajnuna, tista' ċċempel in-numru **2200 1210**, tibgħat email lil **esp.opm@gov.mt** jew iżżur is-sit elettroniku **www.esp.gov.mt**.

**Kull kuntatt mal-ESP Unit jinżamm kunfidenzjali.**

EMPLOYEE SUPPORT PROGRAMME

# Il-Programm tal-Attivitajiet "Nanniet Malta"

## Novembru sa Diċembru tal-2019



**Philip Chircop**
Fundatur 'Nanniet Malta'

**Kull nhar ta' Tlieta:**

- Fil-Mosta Hub (Kunsill lokali Mosta, lift no.3)
  Mill-10am sal-12pm : laqgħat u ħarġiet .
- Fil-Floriana (Sala San Publiju)
  Mill-5pm sat-8pm : lezzjonijiet taz-zfin, line-dancing
  Mill-4pm sat-8pm : jintlaqgħu ħlasijiet għall-attivitajiet.

**Kull nhar ta' Ħamis:**

Fl-10:15am fuq TVM
Nanniet Malta – Philip Chircop ma' Moira Delia.

**Kull nhar ta' Ġimgħa:**

- Fil-Knisja tas-Salib Mqaddes
  fit-8:30am ikun hemm quddiesa ma' Dun Faustin.
- Zabbar Hub : Ċentru Sant'Andrija
  Mid-9:30am sal-11:30am : laqgħat u ħarġiet.

**Novembru:**

- Fil-Qawra Palace:
  Tifkira lin-nanniet li ħallewna b'quddies & Buffet Breakfast.

**Diċembru:**

- Il-Ħadd mit-8 ta' Diċembru fl-10.00 am
  Quddiesa b'tifkira fuq il-Monument tan-Nanniet, f'San Anton
- Il-Ġimgħa 13 ta' Diċembru:
  F'Jum ir-Repubblika - Dinner Dance tal-Milied
  Fin-Nigret Night Club, ir-Rabat. Show b'artisiti internazzjonali.

Biex tirriżerva post ċempel fuq 21447304/21446568/79446568/99207043.



# L-Istorja wara l-Kwadru

## Niltaqgħu mal-Artista Maria Briffa

**minn Mary Anne Zammit**
Artista u Kittieba

Bla dubbju ta' xejn kull kwadru artistiku għandu storja warajh, partikularment dawk li jinkludu l-uċuh, il-figuri, u l-persuni. Din kienet l-aktar tema predominanti fl-esebizzjoni tal-Arti mtella' mill-artista Maria Briffa. Il-wirja bit-tema *'Art and Soul'* itellgħet ġewwa s-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar bejn l-10 ta' April u 28 ta' April 2019.

Sabiex insiru nafu fuq din l-esebizzjoni u dwar dan ix-xogħol artistiku, ltqajt mal-artista nnifisha Maria Briffa. Maria bdiet il-karriera tagħha meta kellha madwar 50 sena, hi stqarret li kienet għaddejja minn perjodu fejn riedet tagħmel xi ħaġa b' ħajjitha. F' dak il-perjodu hi segwiet kors ta' erba' snin u kisbet Diploma fl-Arti u fl-Istorja tal-Arti, ġewwa l-iskola tal-Arti, l-Belt Valletta.

Minn hemm Maria, kompliet mixja l-quddiem u ħadet sehem f' diversi esebizzjonijiet organizzati mill-*Art Club* 2000, Malta. Apparti dan, Maria għamlet xogħol volontarju li kien jinkludi Murals ġewwa l-isptar Mater Dei, fis-sala tat-tfal.

Għal Maria, l-Arti hija vjaġġ li tagħtiha ħafna sodisfazzjon, kif ukoll tgħinha taħrab mill-problemi u mir-realtà ta' kuljum. Maria sostniet li hi tpinġi l-aktar għaliha nnifisha u mhux biex togħġob lil ħaddieħor. Madanakollu, xorta jkun ta' pjaċir għaliha jekk l-Arti tagħha tintgħoġob ukoll min nies.



L-aktar *medium* li tħobb taħdem bih Maria huwa ż-żejt applikat fuq it-tila, dan jgħinha ħafna meta tkun qed tpinġi l-kwadri tan-nies għaliex jagħtiha aktar possibilità li taħdem fuq l-individwu u l-fattizzi li jkollu jew ikollha. Għal Maria, il-kwadri fihom ħafna sfidi u hi tfittex li taqbad il-personalità, il-kwalitajiet u l-ispiritwalità tal-persuna.



Hawnhekk, Maria rreferiet għall-kwadru partikulari li mhuwiex ta' persuna reali imma frott tal-immaġinazzjoni tagħha. Il-kwadru bit-titlu, *'Undisclosed'*, juri tfajla bil-maskra li kulħadd jintrepetah b'mod differenti. F' dan il-kwadru hemm ħafna ħsibijiet interni, min-naħa jirrifletti dak li kienet qiegħda taħseb l-artista. Min-naħa l-oħra fi kwadru ieħor bl-isem *'Internal Flight,'* niltaqgħu ma' tfajla li għażlet li tagħti wiċċha.

Maria sostniet li, "It-tfajla kellha bżonn tagħti wiċċha u tidħol fiha nnifisha mingħajr ma tħalli xejn, sabiex hi tesplora dak li hemm ġewwa fiha. Il-kwadri jqanqlu emozzjonijiet profondi għax huma parti minn ruħi. Għalkemm tista' taħbihom min-nies l-Arti jirnexxilha toħroġhom xorta waħda."

Maria tgħid li hi pjuttost persuna mimlija emozzjonijiet u tħobb timxi ma' dak li tkun qiegħda tħoss fil-mument.

Għall-futur, Maria qiegħda tippjana esebizzjoni tal-pittura bi stil astratt u dan dejjem skond fejn joħodha l-vjaġġ artistiku. Barra mill-kwadri Maria għanda interess fil-figura anatomika u tixtieq li jkollha aktar ċans tistudja l-anatomija fil-profond.

Kien hemm artisti kbar bħal Vincent Van Gogh u Frida Kahlo li influwenzaw bil-wisq mhux ftit lil Maria . Maria tgħid li tħoss afiljazzjoni magħhom, minħabba l-fatt li bħalhom hi ġieli tkun muġugħa u xorta jirnexxilha tpinġi.

Finalment, Maria tgħid li hi tixtieq tkun ta' inspirazzjoni għan-nisa ta' età medja, "Qatt mhu tard u tista' tibda meta trid, għaliex jiena qatt ma bsart li se nkun parti mill-Arti u fl-Arti nħossni nintilef."

Foundation for Social Welfare Services

# 25 Sena ta' Servizz

**Remenda Grech**
Assistent Direttur - Appoġġ

Din is-sena l-**Aġenziji Appoġġ u Sedqa** qed ifakkru l-25 sena mit-twaqqif tagħhom.

25 sena li fihom rajna lil dawn l-Aġenziji jistabilixxu ruħhom fis-settur soċjali u jsiru l-aġenziji ewlenin, l-iktar speċjalizzati fil-qasam u li jimpjegaw l-ikbar ammont ta' professjonisti mill-qasam soċjali.

Matul is-snin dawn l-aġenziji inġabru fi ħdan fondazzjoni waħda, dik li llum hija magħrufa bħala l-**Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali.**

L-**Aġenzija Sedqa** twaqqfet uffiċjalment fis-26 ta' Ġunju, 1994 bħala l-aġenzija nazzjonali kontra l-abbuż mid-droga, l-alkoħol u vizzijiet oħrajn bħal-logħob tal-azzard.

Sedqa timpjega 119-il persuna fosthom tobba, infermiera, ħaddiem soċjali, psikologi u care workers, prevention executives u counsellors. Sedqa toffri servizz kemm f'Malta u kif ukoll f'Għawdex.

Kull xahar il-ħaddiema soċjali ta' Sedqa jaħdmu ma' 350 persuna li jfittxu l-għajnuna.

Is-servizzi tal-prevenzjoni tagħna huma mifruxin fl-iskejjel permezz tal-programm BABES u fuq il-postijiet tax-xogħol bil-programm SAFE u jagħmlu medja ta' 1300 attività fis-sena li jilħqu 50,000 persuna.



L-**Aġenzija Appoġġ** twaqqfet fl-1994 bħala s-Social Welfare Development Programme (SWDP).

L-ewwel servizzi li twaqqfu kienu s-Servizz għall-Vittmi ta' Vjolenza Domestika (DVS), s-Servizz tal-Ħarsien tat-Tfal (CPS) u s-servizz fil-Komunità tal-Kottonera.

Illum l-aġenzija toffri madwar 50 servizz differenti, liema servizzi jvarjaw minn servizzi għaż-żgħażagħ, servizzi fl-isptarijiet, servizzi tat-tfal, servizz tal-addozzjoni u tal-fostering u wkoll residenzi għal tfal li għandhom bżonn kenn.

APPOĠĠ
*Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità*

L-Aġenzija Appoġġ tmexxi wkoll is-servizz ta' għajnuna nazzjonali permezz tal-linja 179 li fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena rċieva 9000 telefonata.



# Attivitajiet Kulturali

**Mary Anne Zammit**
Artista u Kittieba

**Mussorgsky's Pictures at an Exhibition** hija esebizzjoni ta' Arti li ser tiġi inawgurata it-13 ta' Diċembru 2019 fis-7.30 ta' filgħaxija, ġewwa s-sala tas-Soċjeta tal-Arti. Ix-xogħlijiet artistiċi huma tal- Maestro Chevalier Pawlu Grech li hu kompożitur u artist. Matul din l-attivita ser jitella ser jtitella piano recital mill pjanista Ramona Zammit Formosa. F' għeluq din l-attivita ser ikun hemm ser ijkun hemm taħdita minn Dr. Silvio John Camilleri dwar ix-xogħlijiet artistiċi tal-Mro. Grech, li biċċiet minnhom qegħdin jidhru għall-ewwel darba.

Nhar it-**13 ta' Diċembru 2019** fis-7.30 ta' filgħaxija, ġewwa s-sala tas-Soċjeta tal-Arti ser jtitella piano recital minn Ramona Zammit Formosa. Din l-attivita ġiet amalgata ma' esebizzjoni tal-Arti minn Mro. Grech. Sussegwentament, wara ser jkun hemm taħdita minn Dr. Silvio John Camilleri fejn matulha jiġu diskussi ix-xogħlijiet tal-Mro. Grech.

Bejn is-**16 ta' Jannar u l-5 ta' Frar 2020** ser titella wirja ta' ġojelli kontemporarji bit-titlu Southern Depths and Northern Lights – Different Likeness minn Gioa Clavenzani and Ivano Ghinelli / ġewwa Palazzo de La Salle, Valletta. www.jad-jewellery.com

Nhar il-**25 ta' Jannar 2020** f' 12:00 ta' wara nofs in-nhar ser tittela it-8 edizzjoni tal-Valletta Baroque Festival, b' artist mill-aqwa kem dawk lokali u anke Internazzjonali. Tul il-Festival ser ikun hemm siltiet minn Monteverdi, Bach u oħrajn. Għal aktar informazzjoni żur the Valletta Baroque Festival website.



# Kompetizzjoni bi Premju

Agendabookshop

## GĦAT-TFAL

Kif intom tfal?... L-aħħar li ltqajna kien f'Awwissu. Issa li l-iskola bdiet u qed nersqu diġà lejn tmiem l-ewwel semestru, jinħtieġ nimpenjaw ftit irwieħna biex bil-mod il-mod nippreparaw ftit għall-eżamijiet li se jkollna bejn tmiem Jannar u l-bidu ta' Frar li ġej. Jekk il-ħin jitqassam bil-għaqal, il-btajjel tal-Milied u s-Sena l-ġdida li qed joqorbu ġmielhom jkunu aktar trankwilli, b'ħin liberu li tistgħu tqattgħu mal-familja.

Ħsibt biex l-kompetizzjoni tal-lum tkun proprju dwar il-btajjel tal-Milied. Li nixtiequ mingħandkom tfal hu li tiktbulna kif tistgħu tagħmlu xi att nobbli matul dawn il-vaganzi. Xi eżempji huma li forsi tmorru żżuru xi dar tal-anzjani... jew tmorru tqattgħu ftit tal-ħin f'xi dar tat-tfal u toqogħdu tilagħbu magħhom, inkella teħdulhom xi rigal żgħir.

## GĦALL-KBAR

Kif intom ħbieb?... Permezz tal-magazine, 'Familja' qed inkomplu l-kampanja tagħna, 'Aqra Ktieb'. Dan bil-għan li aħna l-ġenituri nħajru lil uliedna li tal-anqas darba kull ħmistax ikunu qraw ktieb. Hekk nerġgħu nibdew kultura ta' qari li hu l-mezz ewlieni kif il-bniedem itejjeb l-għarfien tiegħu u jissaħħaħ f'aspetti ta' ħsieb u kreattività.

Il-kompetizzjoni tal-lum hi din. Iż-żmien sabiħ u għażiż tal-Milied riesaq ġmielu. Iktbulna ftit suġġertimenti (mhux anqas minn tlieta) dwar kif taħsbu li l-Milied jista' jerġa' jsir il-festa tal-familja u jkun ċelebrat b'mod sabiħ bejn ġenituri u tfal. L-aħjar suġġerimenti jidhru f'din il-paġna u l-persuna rebbieħa se tingħata żewġt kotba ġentilment offruti lilna mill-ħwienet Agenda.

**Ibagħtu r-risposti tagħkom fuq:**
**familja.media@gov.mt**

**jew fl-indirizz:**
**Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali,**
**Tonio Bonello, Uffiċċju tal-Komunikazzjoni**
**4th Floor, MFCS, Palazzo Ferreria, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta**
**sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, 14 ta' Jannar 2020.**
**Permezz ta' din il-kompettizzjoni tistgħu tirbħu erba' kotba sbieħ (tnejn għall-kbar u tnejn għaz-zgħar) mill-ħwienet ta' Agenda.**

# 2020

## January

| S | M | T | W | T | F | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 1 | 2 | 3 | 4 |
| 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 |
| 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 |
| 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 |
| 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | |

## February

| S | M | T | W | T | F | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | 1 |
| 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 |
| 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 |
| 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 |
| 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 |

## March

| S | M | T | W | T | F | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 |
| 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 |
| 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 |
| 29 | 30 | 31 | | | | |

## April

| S | M | T | W | T | F | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 1 | 2 | 3 | 4 |
| 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 |
| 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 |
| 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 |
| 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | | |

## May

| S | M | T | W | T | F | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1 | 2 |
| 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 |
| 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 |
| 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 |
| 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 |
| 31 | | | | | | |

## June

| S | M | T | W | T | F | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 |
| 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 |
| 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 |
| 28 | 29 | 30 | | | | |

## July

| S | M | T | W | T | F | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 1 | 2 | 3 | 4 |
| 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 |
| 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 |
| 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 |
| 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | |

## August

| S | M | T | W | T | F | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | 1 |
| 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 |
| 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 |
| 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 |
| 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 |
| 30 | 31 | | | | | |

## September

| S | M | T | W | T | F | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 |
| 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 |
| 27 | 28 | 29 | 30 | | | |

## October

| S | M | T | W | T | F | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 1 | 2 | 3 |
| 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
| 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 |
| 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 |
| 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 |

## November

| S | M | T | W | T | F | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 |
| 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 |
| 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 |
| 29 | 30 | | | | | |

## December

| S | M | T | W | T | F | S |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 |
| 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 |
| 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | | |



**X’ser tagħmel biex il-Milied ikun tassew MILIED?**